II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1006/2011

tas-27 ta' Settembru 2011

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u b'mod partikulari l-Artikoli 9 u 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura għall-merkanzija, minn issa 'l quddiem imsejħa "in-Nomenklatura Magħquda", biex jissodisfa, fl-istess waqt, ir-rekwiżiti tat-Tariffa Doganali Komuni, l-istatistiki tal-kummerċ estern tal-Komunità u linji politiċi oħra Komunitarji li jikkonċernaw l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-merkanzija.

(2) Fl-interess tas-simplifikazzjoni leġiżlattiva, huwa xieraq li n-Nomenklatura Magħquda tiġi mmodernizzata u li l-istruttura tagħha tiġi adattata.

(3) Hu neċessarju li n-Nomenklatura Magħquda tiġi emendata biex tikkunsidra dan li ġej: it-tibdiliet fir-rekwiżiti relatati mal-istatistika u mal-politika kummerċjali, it-tibdiliet magħmulin sabiex ikunu mwettqa l-impenji internazzjonali, l-iżviluppi kummerċjali jew teknoloġiċi, it-tibdil fis-sistema armonizzata tan-nomenklatura skont ir-Rakkomandazzjoni tas-26 ta' Ġunju 2009 tal-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali u l-konsegwenzi ta' dan, u l-ħtieġa li t-testi jiġu allinjati jew kjarifikati.

(4) Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, l-Anness I ta' dak ir-Regolament għandu jinbidel, b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2012, b'verżjoni sħiħa tan-Nomenklatura Magħquda, flimkien mar-rati awtonomi u konvenzjonali taddazju li jirriżultaw mill-miżuri adottati mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2658/87 għandu jinbidel bit-test li jidher fl-Anness ta' ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012.

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2011.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

NOMENKLATURA MAGĦQUDA

SOMMARJU

L-EWWEL PARTI — DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI

Paġna

Taqsima 1 — Regoli ġenerali

A. Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda . . . 11
B. Regoli ġenerali li jikkonċernaw dazji . . . 12
Ċ. Regoli applikabbli kemm għan-nomenklatura kif ukoll għad-dazji . . . 13

Taqsima II — Dispożizzjonijiet speċjali

A. Oġġetti għal ċerti kategoriji ta' vapuri, dgħajjes u bastimenti oħra u għal pjattaformi għat-tħaffir jew għall-produzzjoni . . . 13
B. Mezzi tal-ajru ċivili u oġġetti għall-użu f'mezzi tal-ajru ċivili . . . 15
Ċ. Prodotti farmaċewtiċi . . . 17
D. Rata standard ta' dazju . . . 17
E. Kontenituri u materjali ta' ippakkjar . . . 19
F. Trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura tal-oġġetti . . . 19

Sinjali, abbrevjazzjonijiet u simboli . . . 21

Unitajiet supplimentari . . . 22

IT-TIENI PARTI — SKEDA TA' DAZJI TAD-DWANA

Kapitlu Paġna

Taqsima I

Annimali ħajjin; prodotti minn annimali

1 Annimali ħajjin . . . 25
2 Laħam u ġewwieni li jittiekel . . . 29
3 Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn 47
4 Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel ġejjin minn annimali, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra . . . 70
5 Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra . . . 82

Taqsima II

Prodotti veġetali

6 Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali . . . 84
7 Veġetali u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel . . . 87
8 Frott u ġewż tajbin għall-ikel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew bettieħ . . . 94
9 Kafè, tè, matè u ħwawar . . . 101
10 Ċereali . . . 104
11 Prodotti tal-industrija tat-tħin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ . . . 109
12 Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef . . . 114
13 Gommalakka; gomom, rażi, u linef u estratti veġetali oħrajn . . . 119
14 Materjali veġetali tat-trizza; prodotti veġetali li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra . . . 121

Taqsima III

Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ħxejjex u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xamgħat ta' annimali jew ħxejjex

15 Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ħxejjex u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xamgħat ta' annimali jew ħxejjex . . . 122

Taqsima IV

Preparazzjonijiet tal-ikel; xorb, l-ispirti u ħall; tabakk u s-sostituti manifatturati tat-tabakk

16 Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn . . . 134
17 Zokkor u ħelu taz-zokkor . . . 140
18 Kawkaw u preparazzjonijiet tal-kawkaw . . . 144
19 Preparazzjonijiet ta' ċereali, dqiq, lamtu jew ħalib; prodotti ta' koki tal-għaġina . . . 147
20 Preparazzjonijiet ta' ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti . . . 152
21 Preparazzjonijiet diversi tajbin għall-ikel . . . 171
22 Xorb, spirti u ħall . . . 175
23 Fdal u skart mill-industrija tal-ikel; għalf tal-annimali ppreparat . . . 186
24 Tabakk u sostituti manifatturati ta' tabakk . . . 191

Taqsima V

Prodotti minerali

25 Melħ; kubrit; trabijiet u ħaġar; materjali tat-tikħil, ġir u siment . . . 193
26 Minerali (ores), gagazza u rmied . . . 199
27 Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xemgħat minerali . . . 202

Taqsima VI

Prodotti tal-industrija kimika jew dawk relatati magħha

28 Kimiċi inorganiċi; komposti organiċi jew inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' elementi kimiċi metalliċi rari (rare-earth metals), ta' elementi radjoattivi jew ta' isotopi . . . 211
29 Kimiċi organiċi . . . 225

Kapitlu Paġna

30 Prodotti farmaċewtiċi 248

31 Fertilizzanti 252

32 Estratti għall-ikkunzar jew għaż-żbigħ; tannini u derivattivi tagħhom; żebgħa, pigmenti u materjal ieħor taż-żbigħ; żebgħa u verniċi; stokk u gomom oħrajn; linek 255

33 Żjut essenzjali u reżinojdi; preparazzjonijiet ta' fwejjaħ, kosmetiċi jew tat-twaletta 259

34 Sapun, aġenti organiċi li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu (surface-active), preparazzjonijiet għal ħasil, preparazzjonijiet għal lubrikar, xemgħat artifiċjali, xemgħat ippreparati, preparazzjonijiet għal lostrar jew għal għorik, xemgħat u oġġetti simili, pasta għal mudellar, xemgħat dentali (dental waxes) u preparazzjonijiet dentali b'bażi ta' ġibs 262

35 Sustanzi albuminojdali; lamti modifikati; kolol; enżimi . 265

36 Splussivi; prodotti pirotekniċi; sulfarini; ligi piroforiċi; ċerti preparazzjonijiet kombustibbli 268

37 Oġġetti fotografiċi jew ċinematografiċi 269

38 Diversi prodotti kimiċi 272

Taqsima VII

Plastik u oġġetti tiegħu; gomma u oġġetti tagħha

39 Plastiks u oġġetti tagħhom 281

40 Gomma (lastiku) u oġġetti tagħha 295

Taqsima VIII

Ġlud mhux maħdumin, ġilda, ferijiet u oġġetti magħmulin minnhom; oġġetti tas-sarraġ u xedd; oġġetti għas-safar, boroż tal-idejn u kontenituri simili; oġġetti tal-korda tal-musrana (ħlief musrana tad-dudu tal-ħarir)

41 Ġlud mhux maħdumin (ħlief ferijiet) u ġilda 302

42 Oġġetti tal-ġilda; oġġetti tas-sarraġ u xedd; oġġetti għas-safar, boroż tal-idejn u kontenituri simili; oġġetti tal-musrana ta' annimali (ħlief musrana tad-dudu tal-ħarir) 307

43 Ferijiet u fer artifiċjali; manifatturi tagħhom 310

Taqsima IX

Injam u oġġetti tal-injam; faħam tal-injam; sufra u oġġetti tas-sufra; manifatturi ta' tiben, ta' spartu jew ta' materjali oħrajn tat-trizza; xogħol tal-qfief u xogħol tal-qasab

44 Injam u oġġetti tal-injam; faħam tal-injam 312

45 Sufra u oġġetti ta' sufra 322

46 Manifatturi ta' tibna, ta' spartu jew materjali oħrajn ta' trizza; xogħol tal-qfief u xogħol tal-qasab 323

Taqsima X

Polpa tal-injam jew ta' materjal ieħor ċellulożiku fibruż; (skart u fdal ta') karta jew kartun irkuprat; karta jew kartun u oġġetti magħmulin minnhom

47 Polpa tal-injam jew ta' materjal ieħor ċellulożiku fibruż; (skart u fdal ta') karta jew kartun irkuprat 325

48 Karta u kartun; oġġetti ta' polpa tal-karta, tal-karta jew tal-kartun 327

Kapitlu Paġna

49 Kotba stampati, gazzetti, stampi u prodotti oħrajn tal-industrija tal-istampar; manuskritti, testi ttajpjati u pjanti 339

Taqsima XI

Tessuti u oġġetti ta' tessuti

50 Ħarir 346

51 Suf, xagħar fin jew aħrax ta' annimali; ħjut u drapp minsuġ minn krin 348

52 Qoton (tajjar) 352

53 Fibri oħrajn ta' tessuti veġetali; ħjut tal-karta u drappijiet minsuġin minn ħjut tal-karta 359

54 Filamenti magħmulin mill-bniedem; strixxi u oġġetti simili ta' materjali tessili magħmulin mill-bniedem . . . 362

55 Fibri magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) 367

56 Materjal tessili artab, feltru u materjali mhux minsuġin; ħjut speċjali; spag, ċwiemi, ħbula u kejbils u oġġetti minnhom 374

57 Twapet u kisi tal-art ieħor ta' tessuti 378

58 Drappijiet minsuġin speċjali; drappijiet ta' tessuti bil-bżiebeż; bizzilla; tapizzeriji; aċċessorji; rakkmu 381

59 Drappijiet ta' tessuti mimlijin b'sustanza oħra (impregnated), miksijin, mgħottijin jew laminati; oġġetti ta' tessuti ta' tip tajjeb għal użu industrijali 384

60 Drappijiet maħdumin bil-labar (knitted) jew bil-ganċ (crocheted) 388

61 Oġġetti ta' lbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, maħdumin bil-labar (knitted) jew bil-ganċ (crocheted) 391

62 Oġġetti ta' lbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, mhux maħdumin bil-labar (knitted) jew bil-ganċ (crocheted) . 400

63 Oġġetti oħrajn manifatturati ta' tessuti; settijiet; ħwejjeġ li jintlibsu u oġġetti ta' tessuti li jintlibsu; ċraret 410

Taqsima XII

Ilbies għar-riġlejn, ilbies għar-ras, umbrelel, umbrelel tax-xemx, bsaten għall-mixi, bsaten siġġu, swat, frosti u partijiet tagħhom; rix ippreparat u oġġetti magħmulin minnu; fjuri artifiċjali; oġġetti ta' xagħar uman

64 Ilbies għar-riġlejn, gettijiet u bħalhom; bċejjeċ ta' dawn l-oġġetti 415

65 Ilbies għar-ras u partijiet tiegħu 421

66 Umbrelel, umbrelel tax-xemx, bsaten għall-mixi, bsaten-siġġu, swat, frosti u partijiet tagħhom 422

67 Rix u l-ewwel rix (down) ippreparati u oġġetti magħmulin minn rix jew mill-ewwel rix; fjuri artifiċjali; oġġetti ta' xagħar uman 423

Kapitlu Paġna

Taqsima XIII

Oġġetti tal-ġebel, ġibs, siment, asbestos, mika jew materjali simili; prodotti ta' ċeramika; ħġieġ u oġġetti tal-ħġieġ

68 Oġġetti tal-ġebel, ġibs, siment, asbestos, mika jew materjali simili 424

69 Prodotti ta' ċeramika 428

70 Ħġieġ u oġġetti tal-ħġieġ 431

Taqsima XIV

Perli naturali jew kultivati, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż, metalli prezzjużi, metalli miksijin b'metall prezzjuż, u oġġetti tagħhom, ġojjelli artifiċjali; munita

71 Perli naturali jew kultivati, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż, metalli prezzjużi, metalli miksijin b'metall prezzjuż, u oġġetti tagħhom, ġojjelli artifiċjali; munita . 439

Taqsima XV

Metalli ta' valur baxx u oġġetti ta' metalli ta' valur baxx

72 Ħadid u azzar 445

73 Oġġetti ta' ħadid jew azzar. 466

74 Ram u oġġetti tiegħu 478

75 Nikil u oġġetti tiegħu 484

76 Aluminju u oġġetti tiegħu 487

77 (*Riservata għal li jista' jkun għal użu 'l quddiem fis-sistema armonizzata*)

78 Ċomb u oġġetti tiegħu 492

79 Żingu u oġġetti tiegħu. 495

80 Landa u oġġetti tagħha 497

81 Metalli oħrajn ta' valur baxx; ċermiti; oġġetti tagħhom. 499

82 Għodod, tagħmir, pożati, mgħaref u frieket, ta' metall ta' valur baxx; bċejjeċ tagħhom ta' metall ta' valur baxx 502

83 Taħlita ta' oġġetti ta' metall ta' valur baxx. 508

Taqsima XVI

Makkinarju u għodod mekkaniċi; apparat elettriku; partijiet tagħhom; strumenti li jirrekordjaw u strumenti li jirriproduċu l-ħoss; strumenti li jirrekordjaw u strumenti li jirriproduċu stampa u ħoss televiżivi u partijiet u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti

84 Reatturi nukleari, kaldaruni (boilers), makkinarju u għodod mekkaniċi; partijiet tagħhom 512

85 Makkinarju u tagħmir elettriku u partijiet tagħhom; strumenti li jirrekordjaw u jirriproduċu l-ħoss, strumenti li jirrekordjaw u jirriproduċu stampa u ħoss tat-televiżjoni, u partijiet u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti 558

Kapitlu Paġna

Taqsima XVII

Vetturi, biċċiet tal-ajru, bastimenti u tagħmir tat-trasport assoċjat

86 Lokomottivi, magni u vaguni (rolling-stock) u partijiet tagħhom ta' ferroviji jew ta' tramm; tagħmir u armar u partijiet tagħhom għal-linji ta' ferroviji jew ta' tramm; tagħmir ta' sinjalar tat-traffiku mekkaniku (inkluż elettro-mekkaniku) ta' kull tip 584

87 Vetturi ħlief magni u vaguni (rolling-stock) ta' ferroviji jew linji tat-tramm; u partijiet u aċċessorji tagħhom . . 587

88 Inġenji tal-ajru, inġenji tal-ispazju, u partijiet tagħhom . 598

89 Bastimenti, dgħajjes u strutturi li jżommu f'wiċċ l-ilma 600

Taqsima XVIII

Strumenti u apparat ottiku, fotografiku, ċinematografiku, ta' kejl, ta' iċċekkjar, ta' preċiżjoni, mediku jew kirurġiku; arloġġi u arloġġi tal-idejn; strumenti mużikali; partijiet u aċċessorji tagħhom

90 Strumenti u apparat ottiku, fotografiku, ċinematografiku, għal kejl, għal iċċekkjar, ta' preċiżjoni, mediku jew kirurġiku; partijiet u aċċessorji tagħhom 603

91 Arloġġi u arloġġi tal-idejn jew tal-but u partijiet tagħhom 617

92 Strumenti mużikali; partijiet u aċċessorji ta' oġġetti bħal dawn 620

Taqsima XIX

Armi u munizzjon; partijiet u aċċessorji tagħhom

93 Armi u munizzjon; partijiet u aċċessorji tagħhom. . . . 622

Taqsima XX

Oġġetti manifatturati varji

94 Għamara; friex, mtieraħ, irfid għal imtieraħ, kuxxini u tagħmir (furnishing) simili mimli; lampi u tagħmir (fittings) tad-dawl mhux speċifikati jew inklużi band' oħra; sinjali mdawwlin, pjanċi ta' l-ismijiet imdawwlin u simili; bini prefabbrikat. 624

95 Ġugarelli, logħob u rekwiżiti tal-isports; partijiet u aċċessorji tagħhom 629

96 Oġġetti manifatturati varji 633

Taqsima XXI

Xogħlijiet tal-arti, bċejjeċ tal-kollezzjoni u antikitajiet

97 Xogħlijiet tal-arti, biċċiet tal-kollezzjoni u antikitajiet . . 638

98 Makkinarju industrijali komplet 639

99 Kodiċi speċjali tan-Nomenklatura Magħquda. 643

IT-TIELET PARTI — ANNESSI GĦAT-TARIFFA

Taqsima I — Annessi agrikoli

Paġna

Anness 1 Komponenti agrikoli (EA), dazji addizzjonali għaz-zokkor (AD S/Z) u dazji addizzjonali għad-dqiq (AD F/M) 649

Anness 2 Prodotti li għalihom japplika prezz ta' dħul . . . 667

Taqsima II — Lista ta' sustanzi farmaċewtiċi li jikkwalifikaw għal trattament mingħajr dazju

Anness 3 Lista ta' ismijiet mhux proprjetarji internazzjonali (INNs), mogħtijin għal sustanzi farmaċewtiċi mill-organizzazzjoni dinjija tas-saħħa, li huma meħlusin mid-dazju. 705

Anness 4 Lista ta' prefissi u suffissi li, flimkien mal-INNs tal-anness 3, jiddeskrivu l-melħ, l-esteri jew l-idrati ta' INNs; dan il-melħ, esteri u idrati huma ħielsa mid-dazju, sakemm huma klassifikabbli taħt l-istess titlu tas-sistema armonizzata (SA) b'sitt numri bħall-INN korrispondenti 817

Paġna

Anness 5 Melħ, esteri u idrati ta' INNs, li mhumiex ikklassifikati taħt l-istess titlu tas-sistema armonizzata (SA) bħall-INNs korrispondenti u li huma ħielsa mid-dazju 829

Anness 6 Lista ta' intermedji farmaċewtiċi użati għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi mitmumin, li huma ħielsa mid-dazju. 833

Taqsima III — Kwoti

Anness 7 Kwoti tat-tariffa WTO biex jinfetħu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità. 865

Taqsima IV — Trattament favorevoli tat-tariffa minħabba fin-natura tal-oġġetti

Anness 8 Oġġetti li mhumiex tajbin għall-konsum 897

Anness 9 Ċertifikati 901

L-EWWEL PARTI

DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI

TAQSIMA I

REGOLI ĠENERALI

A. **Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda**

Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda għandha tkun irregolata mill-prinċipji li ġejjin:

1. It-titli tat-taqsimiet, kapitli u subkapitli huma maħsubin għall-ħeffa ta' referenza biss; għal għanijiet legali, il-klassifikazzjoni għandha tkun deċiża skond it-termini tat-titli u n-noti ta' kwalunkwe taqsima jew kapitlu relattiv u, sakemm dawn t-titli jew in-noti ma jkunux jeħtieġu mod ieħor, skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin.

2. (a) Kwalunkwe referenza f'titlu għal oġġett għandha titqies li tinkludi referenza għal dak l-oġġett mhux komplut jew mhux mitmum, sakemm, kif preżentat, l-oġġett mhux komplut jew mhux mitmum ikollu l-karattru essenzjali ta' l-oġġett komplut jew mitmum. Għandha wkoll titqies li tinkludi referenza għal dak l-oġġett komplut jew mitmum (jew li jista' jkun klassifikat bħala komplut jew mitmum permezz ta' din ir-regola), preżentat mhux armat jew żarmat.

   (b) Kwalunkwe referenza f'titlu għal materjal jew sustanza għandha titqies li tinkludi referenza għal taħlit jew kombinazzjonijiet ta' dak il-materjal jew is-sustanza b'materjali jew sustanzi oħra. Kwalunkwe referenza għal oġġetti ta' ċertu materjal jew sustanza għandha titqies li tinkludi referenza għal oġġetti li jikkonsistu totalment jew parzjalment minn materjal jew sustanza bħal din. Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti magħmulin minn iżjed minn materjal jew sustanza waħda għandha ssir skond il-prinċipji ta' regola 3.

3. Meta permezz ta' l-applikazzjoni tar-regola 2(b) jew kwalunkwe raġuni oħra, l-oġġetti jkunu klassifikati *prima facie* f'titlu wieħed jew iżjed, il-klassifikazzjoni għandha ssir kif ġej:

   (a) it-titlu li jagħti l-iżjed deskrizzjoni speċifika għandha tkun preferuta għal titli li jagħtu deskrizzjoni iżjed ġenerali. Madanakollu, meta jkun hemm żewġ titli jew iżjed li kull wieħed minnhom jirreferi għal parti waħda mill-materjali jew mis-sustanzi li qegħdin f'oġġetti mħalltin jew komposti jew għal parti biss mill-oġġetti f'sett imtella' għal bejgħ bl-imnut, dawk t-titli għandhom jitqiesu ugwalment speċifiċi fir-rigward ta' dawk l-oġġetti, ukoll jekk wieħed minnhom jagħti deskrizzjoni iżjed kompluta jew preċiża ta' l-oġġetti;

   (b) taħlitiet, oġġetti komposti li jikkonsistu minn materjali differenti jew magħmulin minn komponenti differenti, u oġġetti mtellgħin għal bejgħ bl-imnut, li ma jistgħux ikunu klassifikati b'referenza għal 3(a), għandhom ikunu klassifikati daqs li kieku kienu magħmulin mill-materjal jew mill-komponent li jagħtihom il-karattru essenzjali tagħhom, sakemm dan il-kriterju jkun applikabbli;

   (ċ) meta oġġetti ma jistgħux ikunu klassifikati b'referenza għal 3(a) jew (b), huma għandhom ikunu klassifikati fit-titlu li jiġi l-aħħar f'ordni numerika fost dawk li ugwalment għandha tingħatalhom konsiderazzjoni.

4. Oġġetti li ma jistgħux ikunu klassifikati skond ir-regoli ta' hawn fuq għandhom ikunu klassifikati fit-titlu xieraq għall-oġġetti li huma l-iżjed jixbħu.

5. Bħala żieda mad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward ta' oġġetti imsemmijin fihom:

   (a) kaxex ta' kameras, kaxex ta' strumenti mużikali, kaxex ta' xkubetti, kaxex ta' strumenti tat-tpinġija, kaxex ta' ġiżirajjen u kontenituri simili, ffurmati jew imdaħħlin apposta biex iżommu oġġett speċifiku jew sett ta' oġġetti, kif xieraq għal użu fit-tul u ppreżentati ma' l-oġġetti li għalihom huma intiżi, għandhom ikunu klassifikati ma' tali oġġetti meta jkunu ta' tip normalment mibjugħ magħhom. Din ir-regola, madanakollu, ma tapplikax għal kontenituri li jagħtu lill-oġġett intier il-karattru essenzjali tiegħu;

(b) suġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-regola 5(a), il-materjali u l-kontenituri ([1]), ta' l-ippakkjar ippreżentati ma' l-oġġetti ta' ġo fihom għandhom ikunu klassifikati ma' l-oġġetti jekk huma ta' tip normalment użati fl-ippakkjar ta' oġġetti bħal dawn. Madanakollu, din id-dispożizzjoni ma torbotx meta materjali ta' ippakkjar jew kontenituri ta' ippakkjar bħal dawn ikunu jidhru biċ-ċar li huma qegħdin għal użu repetittiv.

6. Għal għanijiet legali, il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fis-subtitli ta' titlu għandha tkun deċiża skond it-termini ta' dawk is-subtitli u kwalunkwe noti ta' subtitli relatati u, *mutatis mutandis* skond ir-regoli ta' hawn fuq, skond il-kondizzjoni li subtitli fl-istess livell biss huma komparabbli. Għall-għanijiet ta' din ir-regola t-taqsima relattiva u n-noti tal-kapitlu japplikaw ukoll, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor.

B. **Regoli ġenerali li jikkonċernaw dazji**

1. Id-dazji tad-dwana applikabbli għal oġġetti importati li joriġinaw f'pajjiżi li huma Partijiet Kuntrattwali tal-Ftehim Ġenerali fuq Tariffi u Negozju (GATT) jew li magħhom il-Komunità Ewropea laħqet ftehim li fih il-klawsola tat-tariffa tal-pajjiż l-aktar favorit għandhom ikunu d-dazji konvenzjonali murijin fil-kolonna 3 ta' l-iskeda tad-dazji. Sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor, dawn id-dazji konvenzjonali japplikaw għal oġġetti, għajr dawk imsemmijin hawn fuq, importati minn kwalunkwe pajjiż terz.

   Ir-rati ta' dazji konvenzjonali murijin fil-kolonna 3 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2012.

   Meta rati ta' dazji awtonomi jkunu inqas mir-rati ta' dazji konvenzjonali, id-dazji awtonomi, murijin permezz ta' nota fil-qiegħ, japplikaw.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika fejn dazji tad-dwana awtonomi speċjali jingħataw fir-rigward ta' oġġetti li joriġinaw f'ċertu pajjiżi jew fejn dazji tad-dwana preferenzjali japplikaw skond ftehim li jkun sar.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jipprekludu lill-Pajjiżi Membri milli japplikaw dazji tad-dwana għajr dawk tat-Tariffa Doganali Komuni fejn l-applikazzjoni ta' dazji oħra bħal dawn tkun ġustifikata mil-liġi tal-Komunità.

4. Id-dazji mniżżlin bħala rati perċentwali huma dazji *ad valorem*.

5. Is-simbolu "EA" jindika li l-oġġetti konċernati jistgħu jkollhom taxxa ta' "komponent agrikolu" stipulat skond l-Anness 1.

6. Is-simbolu "AD S/Z" jew "AD F/M" fil-Kapitli 17 sa 19 jindika li r-rata massima ta' dazju tikkonsisti f'dazju *ad valorem* biż-żieda ta' dazju addizzjonali għal ċerti forom ta' zokkor jew dqiq. Dan id-dazju addizzjonali huwa stipulat skond id-dispożizzjonijiet ta' Anness 1.

7. Fil-Kapitlu 22, is-simbolu "€/% vol/el" ifisser li dazju speċifiku, espress f'euro, għandu jkun kalkolat għal kull volum perċentwali ta' alkoħol għal kull ettolitru. B'hekk xarba li jkollha kontenut ta' alkoħol bil-volum ta' 40 % għandha tkun intaxxata kif ġej:

   — "€ 1/% vol/hl" = € 1 × 40, li jagħti dazju ta' € 40 għal kull ettolitru, jew

   — "€ 1/% vol/hl + € 5/hl" = € 1 × 40 biż-żieda ta' € 5, li jagħti dazju ta' € 45 għal kull ettolitru.

   Fejn, minbarra dan, jidher valur minimu (MIN), per eżempju "€ 1,6/% vol/hl MIN € 9/hl", dan ifisser li d-dazju, kalkolat fuq il-bażi tar-regola msemmija hawn fuq, għandu jkun komparat mad-dazju minimu, per eżempju "€ 9/hl", u l-ogħla mit-tnejn għandu jkun applikat.

([1]) It-termini "materjali ta' ippakkjar" u "kontenituri ta' ippakkjar" ifissru kwalunkwe kontenituri esterni jew interni, *holders*, sarr jew irfid għajr armar għat-trasport (eż. kontenituri għat-trasport), tarpolini, taljoli jew tagħmir ta' trasport anċillari. It-terminu "kontenituri ta' ippakkjar" ma jkoprix il-kontenituri msemmijin fir-regola ġenerali 5(a).

Ċ. **Regoli applikabbli kemm għan-nomenklatura kif ukoll għad-dazji**

1. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet relatati ma' valur tad-dwana għandhom ikunu applikati biex ikun deċiż, minbarra l-valur għall-kalkolu ta' dazji tad-dwana *ad valorem*, il-valuri li b'referenza għalihom l-iskop ta' ċerti titli jew subtitli huwa definit.

2. Il-piż dazjabbli, fil-każ ta' oġġetti li jkunu ntaxxati bil-piż, u l-piżijiet li b'referenza għalihom l-iskop ta' ċerti titli jew subtitli huwa definit, għandu jitqies li huwa:

   (a) fil-każ ta' referenza għal piż gross, il-piż aggregat ta' l-oġġetti u tal-materjali ta' ippakkjar u l-kontenituri ta' ippakkjar kollha;

   (b) fil-każ ta' referenza għal piż nett jew sempliċement piż mingħajr kwalifika, il-piż ta' l-oġġetti nfushom mingħajr materjali ta' ppakkjar jew kontenituri ta' ippakkjar ta' kwalunkwe tip.

3. L-ekwivalent f'munita nazzjonali għall-euro, għal Pajjiżi Membri għajr Pajjiżi Membri parteċipanti kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 ([1]) (minn hawn 'il quddiem imsejħin "Pajjiżi Membri mhux parteċipanti"), għandu jkun stabbilit skond l-Artiklu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]).

4. Oġġetti eliġibbli għal trattament ta' tariffa favorevoli minħabba l-użu finali tagħhom:

   fejn id-dazju ta' l-importazzjoni applikabbli taħt l-arranġamenti ta' użu finali għal oġġetti għal użu finali speċifiku ma jkunx inqas minn dak li kieku kien ikun applikabbli għall-oġġetti, l-oġġetti msemmijin għandhom ikunu klassifikati fil-kodiċi b'referenza għall-użu finali u l-Artikli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1) m'għandhomx japplikaw.

TAQSIMA II

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI

A. **Oġġetti għal ċerti kategoriji ta' vapuri, dgħajjes u bastimenti oħra u għal pjattaformi għat-tħaffir jew għall-produzzjoni**

1. Id-dazji tad-dwana għandhom ikunu sospiżi għal oġġetti intiżi biex ikunu inkorporati f'vapuri, dgħajjes jew bastimenti oħrajn mniżżlin fl-iskeda li ġejja, għall-għanijiet tal-kostruzzjoni, tiswija, manteniment jew konverżjoni tagħhom, u għal oġġetti intiżi li jitwaħħlu fuq u jarmaw vapuri, dgħajjes jew bastimenti oħrajn bħal dawn.

2. Id-dazji tad-dwana għandhom ikunu sospiżi għal:

   (a) oġġetti intiżi biex ikunu inkorporati fi pjattaformi għat-tħaffir jew produzzjoni taż-żejt:

      (1) fissi, tas-subtitlu ex 8430 49 li joperaw fil-baħar territorjali ta' Pajjiżi Membri jew barra minnu, jew

      (2) li jżommu f'wiċċ l-ilma jew sommerġibbli, ta' subtitlu 8905 20,

      għall-għanijiet tal-kostruzzjoni, tiswija, manteniment jew konverżjoni tagħhom, u għal oġġetti intiżi li jarmaw l-imsemmijin pjattaformi.

      Dawk l-oġġetti bħal karburanti tal-mutur, lubrikanti u gass, li huma meħtieġa għall-operazzjoni ta' magni u apparat li ma jaffettwax permanentament, u li m'humiex parti integrali mill-pjattaformi u li jintużaw abbord għall-kostruzzjoni, għat-tiswija, għall-manteniment, għall-konverżjoni jew għat-tagħmir ta' dawn il-pjattaformi jitqiesu ukoll li jintużaw biex ikunu inkorporati fi pjattaformi għal tħaffir jew produzzjoni taż-żejt;

   (b) tubi, pajpijiet, kejbils, u l-partijiet ta' konnessjoni tagħhom, li jgħaqqdu dawn il-pjattaformi għal tħaffir jew produzzjoni ma' l-art prinċipali.

([1]) ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1.
([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8901	**Vapuri ta' kruċiera, dgħajjes ta' eskursjoni, laneċ, braken u bastimenti simili għat-trasport ta' persuni jew oġġetti:**
8901 10	– **Vapuri ta' kruċiera, dgħajjes ta' eskursjoni u bastimenti simili prinċipalment iddisinjati għat-trasport ta' persuni; laneċ ta' kull tip:**
8901 10 10	– – Li jbaħħru
8901 20	– **Tankers:**
8901 20 10	– – Li jbaħħru
8901 30	– **Bastimenti friġġ, għajr dawk ta' subtitlu 8901 20:**
8901 30 10	– – Li jbaħħru
8901 90	– **Bastimenti oħrajn għat-trasport ta' oġġetti u bastimenti oħrajn għat-trasport kemm ta' persuni kif ukoll ta' oġġetti:**
8901 90 10	– – Li jbaħħru
8902 00	**Bastimenti għal sajd; bastimenti fabbrika u bastimenti oħrajn għal proċessar jew preservar ta' prodotti tas-sajd:**
8902 00 10	– Li jbaħħru
8903	**Jottijiet u bastimenti oħrajn għall-passatemp jew sports; dgħajjes tal-qdif u kenuri:**
	– **Oħrajn:**
8903 91	– – **Dgħajjes tal-qlugħ, b'mutur awżiljarju jew mingħajru:**
8903 91 10	– – – Li jbaħħru
8903 92	– – **Dgħajjes bil-mutur, minbarra dgħajjes b'mutur awtbord:**
8903 92 10	– – – Li jbaħħru
8904 00	**Laneċ ta' l-irmonk u "*pusher craft*":**
8904 00 10	– Laneċ ta' l-irmonk
	– *Pusher craft*:
8904 00 91	– – Li jbaħħru
8905	**Bastimenti ħfief, *fire-floats*, dreġers, krejnijiet li jżommu f'wiċċ l-ilma, u bastimenti oħrajn li l-istat navigabbli tagħhom huwa sussidjarju għall-funzjoni prinċipali tagħhom; baċiri li jżommu f'wiċċ l-ilma; pjattaformi għal tħaffir jew għall-produzzjoni taż-żejt li jżommu f'wiċċ l-ilma jew li huma sommerġibbli:**
8905 10	– **Dreġers:**
8905 10 10	– – Li jbaħħru
8905 90	– **Oħrajn:**
8905 90 10	– – Li jbaħħru
8906	**Bastimenti oħrajn, inklużi bastimenti tal-gwerra u dgħajjes tas-salvataġġ barra minn dgħajjes bil-qdif:**
8906 10 00	– Bastimenti tal-gwerra
	– Oħrajn:
8906 90 10	– – Li jbaħħru

3. Is-sospensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Komunità bil-ħsieb ta' kontroll tad-dwana ta' l-użu ta' oġġetti bħal dawn.

B. **Mezzi ta' l-ajru ċivili u oġġetti għall-użu f'mezzi ta' l-ajru ċivili**

1. Ħelsien minn dazju tad-dwana huwa maħsub għal:

— mezzi ta' l-ajru ċivili,

— ċerti oġġetti għall-użu f'mezzi ta' l-ajru ċivili u biex ikunu inkorporati fihom fil-proċess tal-manifattura, tiswija, manutenzjoni, bini mill-ġdid, modifikazzjoni jew konverżjoni,

— tagħmir fuq l-art għat-taħriġ għat-titjir u l-partijiet tagħhom, għall-użu ċivili.

Dawn l-oġġetti huma koperti mit-titli u s-subtitli elenkati fit-tabelli f'paragrafu 5.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, l-ewwel u t-tieni inċiżi, "mezzi ta' l-ajru ċivili" tfisser mezzi ta' l-ajru minbarra mezzi ta' l-ajru użati f'servizzi militari jew servizzi simili fil-Pajjiżi Membri li għandhom reġistrazzjoni militari jew mhux ċivili.

3. Għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1, it-tieni inċiż, l-espressjoni "għal użu f'mezzi ta' l-ajru ċivili" għandha tinkludi oġġetti li jintużaw fi trainers għal titjir fil-baxx għal użu ċivili.

4. Il-helsien minn dazji tad-dwana għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Komunità bil-ħsieb ta' kontroll tad-dwana ta' l-użu ta' oġġetti bħal dawn (ara Artikli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1)).

5. L-oġġetti li huma eliġibbli għal dan il-ħelsien mid-dazji tad-dwana huma koperti b'dawn it-titli jew subtitli:

3917 40, 4011 30, 4012 13, 4012 20, 4017 00, 6812 99, 7324 10, 7326 20, 8302 10, 8302 20, 8302 42, 8302 49, 8302 60, 8407 10, 8408 90, 8409 10, 8411, 8412 10, 8412 21, 8412 29, 8412 31, 8412 39, 8412 80 80, 8412 90, 8413 19, 8413 20, 8413 30, 8413 50, 8413 60, 8413 70, 8413 81, 8413 91, 8414 10, 8414 20, 8414 30, 8414 51, 8414 59, 8414 80, 8414 90, 8415 81, 8415 82, 8415 83, 8418 10, 8418 30, 8418 40, 8418 61, 8418 69, 8419 50, 8419 81, 8421 19, 8421 21, 8421 23, 8421 29, 8421 31, 8421 39, 8424 10, 8425 11, 8425 19, 8425 31, 8425 39, 8425 42, 8425 49, 8426 99, 8428 10, 8428 20, 8428 33, 8428 39, 8428 90, 8443 32 10, 8471 41, 8471 49, 8471 50, 8471 60, 8471 70, 8479 90, 8483 10, 8483 30, 8483 40, 8483 50, 8483 60, 8483 90, 8484 10, 8484 90, 8501 32, 8501 52, 8501 61, 8501 62, 8501 63, 8502, 8504 10, 8504 31, 8504 32, 8504 33, 8504 40, 8504 50, 8507, 8511 10, 8511 20, 8511 30, 8511 40, 8511 50, 8511 80, 8517 70 11, 8517 70 15, 8517 70 19, 8518 10, 8518 21, 8518 22, 8518 29, 8518 30, 8518 40, 8518 50, 8519 81 95, 8519 89 90, 8521 10, 8526, 8528 41, 8528 51, 8528 61, 8529 10, 8531 10 95, 8531 20, 8531 80, 8539 10, 8544 30, 8801, 8802 11, 8802 12, 8802 20, 8802 30, 8802 40, 8803 10, 8803 20, 8803 30, 8805 29, 9001 90, 9002 90, 9014 10, 9014 20, 9025, 9026, 9029 20 38, 9030 10, 9030 20, 9030 31, 9030 32, 9030 33, 9030 39, 9030 40, 9030 84, 9030 89, 9030 90, 9031 80, 9032, 9104, 9403 20, 9403 70.

Għas-subtitli li ġejjin, il-ħelsien mid-dazju tad-dwana għall-użu tal-mezzi ta' l-ajru ċivili hu mogħti biss lill-oġġetti deskritti f'kolonna 2:

Subtitlu	Deskrizzjoni
3917 21 90, 3917 22 90, 3917 23 90, 3917 29 00, 3917 31, 3917 33, 3917 39 00, 7413 00, 8307 10, 8307 90	B'tagħmir imwaħħal
4008 29	Forom profil, maqtugħin għal qies
4009 12, 4009 22, 4009 32, 4009 42	Tajbin għat-twassil ta' gassijiet jew likwidi
3926 90, 4016 10, 4016 93, 4016 99	Għall-użi tekniċi
4504 90, 4823 90	Gaskits, woxers u siġilli oħrajn
6812 80	Ħlief ħwejjeġ, aċċessorji ta' ħwejjeġ, ilbies għar-riġlejn u xedd għar-ras, karta, kartun qawwi, feltru jew materjal li jġonġi ta' fibra ta' asbestos kompressat, f'folji jew rombli
6813 20, 6813 81, 6813 89	B'bażi ta' asbestos jew sustanzi minerali oħrajn
7007 21	Windskrins, mingħajr gwarniċi
7312 10, 7312 90	B'tagħmir magħhom, jew magħmulin f'oġġetti,
7322 90	Ħiters ta' l-arja u distributuri ta' arja sħuna (eskluži partijiet tagħhom)
7324 90	Oġġetti għall-kamra tal-banju (ħlief partijiet tagħhom)
7304 31, 7304 39, 7304 41, 7304 49, 7304 51, 7304 59, 7304 90, 7306 30, 7306 40, 7306 50, 7306 61, 7306 69, 7608 10, 7608 20	B'tagħmir magħhom, tajbin għat-trasmissjoni ta' gassijiet jew ta' likwidi
8108 90	Tubi u pajpijiet, b'tagħmir imwaħħal, tajbin għal trasmissjoni ta' gassijiet jew likwidi
8415 90	Ta' magni ta' arja kundizzjonata ta' subtitli 8415 81, 8415 82 jew 8415 83
8419 90	Ta' unitajiet għal trasferiment ta' sħana
8479 89	Batteriji idropnewmatiċi ; azzjonisti mekkaniċi għal qtugħ ta' l-imbuttatura (*thrust reversers*); unitajiet tat-tojlit maħdumin apposta; umidifikaturi u deumidifikaturi ta' l-arja; servomekkaniżmi, mhux elettriċi; muturi ta' l-istarter mhux elettriċi; starters pnewmatiċi għal ġettijiet turbo, skrejjen turbo u turbini oħrajn tal-gass; wajpers tal-windskrin, mhux elettriċi; regulaturi ta' l-iskrejjen, mhux elettriċi
8501 20, 8501 40	Bi produzzjoni ta' enerġija aktar minn 735 W iżda mhux aktar minn 150 kW
8501 31	Muturi bi produzzjoni ta' enerġija aktar minn 735 W, ġeneraturi DC
8501 33	Muturi bi produzzjoni ta' enerġija mhux aktar minn 150 kW u ġeneraturi
8501 34	Ġeneraturi bi produzzjoni ta' enerġija aktar minn 375 kW
8501 51	Bi produzzjoni ta' enerġija mhux aktar minn 735 W
8501 53	Bi produzzjoni ta' enerġija mhux aktar minn 150 kW
8516 80 20	Immuntati biss b'bobbina sempliċi iżolata u konnessjonijiet elettriċi, użati għal kontra s-silġ jew għat-tneħħija tas-silġ
8517 69 31, 8517 69 39	Għal radjo-telefonija jew għal radjo telegrafija
8517 12, 8517 61, 8517 62, 8517 69 90	Apparat radjo-telegrafiku jew radjo-telefoniku
8522 90	Immuntar u sub-immuntar magħmulin minn żewġ partijiet jew biċċiet jew aktar marbutin jew imwaħħlin flimkien, għal apparat ta' subtitli 8519 81 95 u 8519 89 90
8529 90	Immuntar u sub-immuntar magħmulin minn żewġ partijiet jew biċċiet jew aktar marbutin jew imwaħħlin flimkien, għal apparat ta' titli 8526
8543 70 90	Reġistraturi ta' titjiriet, *synchros* u *transducers* elettriċi, defrostaturi u *demisters* b'*resistors* elettriċi
8543 90	Immuntar u sub-immuntar magħmulin minn żewġ partijiet jew biċċiet jew aktar marbutin jew imwaħħlin flimkien, għar-reġistraturi ta' titjir
8803 90 90	Inklużi l-glajders
9014 90	Ta' strumenti ta' subtitli 9014 10 jew 9014 20
9020 00	Partijiet eskluži
9029 10	Apparat għal kejl ta' dawran ta' l-elettriku jew elettroniku
9029 90	Apparat għal kejl ta' dawran, indikaturi ta' veloċità u takometri
9031 90	Ta' subtitlu 9031 80
9109 10, 9109 90	Ta' wisgħa jew dijametru mhux aktar minn 50 mm
9401 10	Mhux miksijin bil-ġilda
9405 10, 9405 60	Ta' plastiks jew ta' metall ta' valur baxx
9405 92, 9405 99	Ta' plastiks jew ta' metall ta' valur baxx, bċejjeċ mill-oġġetti ta' subtitlu 9405 10 jew 9405 60

6. Il-prodotti li jidhru fil-paragrafu 5 huma integrati fit-TARIC skond is-subtitli, b'nota ta' qiegħ il-paġna kif ġej, "Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għal kundizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti rilevanti tal-Komunità (ara Artikli 291 sa 300 ta' Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1))".

Ċ. **Prodotti Farmaċewtiċi**

1. Ħelsien minn dazju tad-dwana huwa maħsub għal prodotti farmaċewtiċi tal-kategoriji li ġejjin:

   (1) sustanzi farmaċewtiċi koperti mill-CAS RN (*chemical abstracts service registry numbers*) u mill-*international non-proprietary names* (INNs) elenkati fl-Anness 3;

   (2) melħ, esteri u idrati ta' INNs li jistgħu jkunu deskritti billi jkunu kombinati INNs ta' l-Anness 3 ma' prefissi jew suffissi ta' l-Anness 4, sakemm prodotti bħal dawn jistgħu jkunu klassifikati fl-istess titlu SA b'6 numri bħall-INN rilevanti;

   (3) melħ, esteri u idrati ta' INNs li huma elenkati fl-Anness 5 u li m'humiex klassifikabbli fl-istess titlu SA b'6 numri bħall-INNs korrispondenti;

   (4) intermedji farmaċewtiċi, jiġifieri taħlit użat fil-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi lesti li huma koperti mill-CAS RN u l-ismijiet kimiċi, elenkati fl-Anness 6.

2. Każijiet speċjali:

   (1) INNs ikopru biss dawk is-sustanzi mfissra fil-listi ta' INNs rakkomandati u proposti ppublikati mill-Għaqda Dinjija għas-Saħħa (WHO). Fejn in-numru ta' sustanzi koperti minn INN huwa inqas minn dak kopert miċ-CAS RN, dawk is-sustanzi koperti mill-INN biss għandhom ikunu suġġetti għal trattament mingħajr dazju;

   (2) fejn prodott ta' l-Anness 3 jew l-Anness 6 ikun identifikat minn CAS RN jikkorrispondi għal *isomer* speċifiku, dak l-*isomer* biss jista' jikkwalifika għal trattament mingħajr dazju.

   (3) derivattivi doppji (melħ, esteri u idrati) ta' INNs identifikati permezz ta' għaqda ta' INN ta' l-Anness 3 ma' prefiss jew suffiss ta' l-Anness 4 jikkwalifikaw għal trattament mingħajr dazju, sakemm huma jkunu klassifikabbli fl-istess titlu SA b'sitt numri bħall-INN rilevanti:

   eżempju: ester ta' l-analina metil, idrokloru;

   (4) fejn INN ta' l-Anness 3 huwa melħ (jew ester), l-ebda melħ (jew ester) ieħor ta' l-aċidu li jikkorrispondi ma' l-INN ma jista' jikkwalifika għal trattament mingħajr dazju:

   eżempju: potassju oxprenoat (INN): mingħajr dazju

   sodju oxprenoat: mhuwiex bla dazju

D. **Rata standard ta' dazju**

1. Dazju tad-dwana għandu jitħallas bir-rata fissa ta' 2,5 % *ad valorem* fuq oġġetti:

   — li jkunu f'kunsinni mibgħutin minn individwu privat lil ieħor, jew

   — li jkunu fil-bagalji personali ta' vjaġġaturi,

   sakemm dawn l-importazzjonijiet ma jkunux ta' natura kummerċjali.

Din ir-rata fissa ta' 2,5 % dazju doganali għandha tapplika, sakemm il-valur intrinsiku ta' l-oġġetti soġġetti għal dazji ta' importazzjoni ma jaqbiżx € 700 għal kull konsenja jew għal kull vjaġġatur.

Din il-valutazzjoni b'rata fissa ma għandhiex tapplika għal oġġetti li għalihom ir-rata tad-dazju fl-iskeda ta' dazji doganali hija "eżentata" u għal oġġetti tal-Kapitolu 24 li jinstabu f'konsenja jew f'bagalji personali talpassiġġieri f'ammonti li jeċċedu dawk elenkati fl-Artikolu 27 jew skont l-Artikolu 41 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali [1].

2. Importazzjonijiet għandhom jitqiesu li m'humiex ta' natura kummerċjali jekk:

(a) fil-każ ta' oġġetti li jkunu f'kunsinni mibgħutin minn individwu privat lil ieħor, kunsinni bħal dawn:

— ikunu ta' natura okkażjonali,

— ikun fihom oġġetti esklużivament għall-użu personali tad-destinatarju jew tal-familja tiegħu, li bin-natura jew kwantità tagħhom ma jirriflettu l-ebda interess kummerċjali,

— jintbagħtu lid-destinatarju mill-kunsinnatarju mingħajr ħlas ta' kwalunkwe tip;

(b) fil-każ ta' oġġetti li jkunu f'bagalji personali ta' vjaġġaturi, huma:

— jkunu ta' natura okkażjonali u

— jikkonsistu esklużivament minn oġġetti għall-użu personali tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom, jew minn oġġetti maħsubin bħala rigali; in-natura u l-kwantità ta' oġġetti bħal dawn m'għandhomx ikunu tali li jistgħu jindikaw li huma qed ikunu importati għal raġunijiet kummerċjali.

3. Ir-rata fissa ta' dazju tad-dwana m'għandhiex tapplika għal oġġetti importati taħt il-kondizzjonijiet stipulati filparagrafi 1 u 2 jekk il-persuna intitolata, qabel ma r-rata fissa msemmija ġiet applikata għalihom, talbet biex huma jkunu suġġetti għal dazji tad-dwana kif suppost. L-oġġetti kollha li jiffurmaw il-kunsinna għandhom imbagħad ikunu suġġetti għad-dazji tal-importazzjoni kif suppost, mingħajr preġudizzju għad-dħul mingħajr dazju maħsub skont Artikli 25 sa 27 u 41 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009.

Għall-għanijiet ta' l-ewwel subparagrafu, dazji ta' l-importazzjoni għandhom ifissru kemm dazji tad-dwana u taxxi li għandhom effett ekwivalenti u taxxi oħrajn ta' importazzjoni maħsubin skond il-politika komuni agrikola jew skond arranġamenti speċifiċi applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli.

4. Pajjiżi Membri mhux parteċipanti jistgħu jqarrbu għall-eqreb ammont f'munita nazzjonali li jirriżulta mill-konverżjoni tas-somma ta' € 700.

5. Pajjiżi Membri mhux parteċipanti jistgħu jżommu mhux mibdul f'munita nazzjonali l-ekwivalenti tas-somma ta' € 700 jekk, fil-mument ta' l-aġġustament annwali maħsub f' Artiklu 18(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 il-konverżjoni ta' dan l-ammont, qabel it-taqrib stipulat fil-paragrafu 4, jirriżulta f'bidla ta' inqas minn 5 % fl-ekwivalent f'munita nazzjonali, jew fi tnaqqis ta' dan.

[1] ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23.

E. **Kontenituri u materjali ta' ippakkjar**

Id-disposizzjonijiet li ġejjin huma applikabbli għall-kontenituri u l-materjali ta' ippakkjar imsemmijin fir-regola ġenerali interpretattiva 5(a) u (b) u mqegħdin fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-istess ħin bħall-oġġetti li huma jkollhom fihom jew li magħhom huma jkunu preżentati.

1. Meta l-kontenituri u l-materjali ta' ppakkjar ikunu klassifikati ma' l-oġġetti skond id-dispożizzjonijiet tar-regola ġenerali interpretattiva 5, huma għandhom:

   (a) iħallsu l-istess rata ta' dazju tad-dwana bħall-oġġetti:

   — fejn oġġetti bħal dawn huma suġġetti għal dazju tad-dwana *ad valorem*, jew

   — fejn huma għandhom ikunu inklużi fil-piż taxxabbli ta' l-oġġetti;

   (b) imdaħħlin mingħajr dazji tad-dwana:

   — fejn l-oġġetti jkunu mingħajr dazju tad-dwana, jew

   — fejn l-oġġetti huma taxxabbli mod ieħor ħlief b'referenza għall-piż jew għall-valur, jew

   — fejn il-piż tal-kontenituri u l-materjali ta' ppakkjar m'għandux ikun inkluż fil-piż taxxabbli ta' l-oġġetti.

2. Fejn il-kontenituri u l-materjali ta' ippakkjar koperti mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 (a) u (b) ikun fihom jew ikunu preżentati flimkien ma' oġġetti ta' diversi deskrizzjonijiet tat-tariffa, il-piż u l-valur tal-kontenituri u l-materjali ta' ppakkjar għandhom, bil-għan li jkun determinat il-piż jew il-valur taxxabbli tagħhom, jitqassmu fost l-oġġetti kollha ta' ġewwa, bi proporzjon mal-piż jew mal-valur ta' dawk l-oġġetti.

F. **Trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura ta' l-oġġetti**

1. Taħt ċerti kondizzjonijiet, trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura ta' l-oġġetti huwa maħsub għal:

   — oġġetti mhux tajbin għall-konsum,

   — żrieragħ,

   — drapp tal-pezza, mhux maħdum,

   — ċerti tipi ta' għeneb tal-mejda frisk, tabakk u nitrat.

   Dawn l-oġġetti huma koperti b'subtitli ([1]) b'nota ta' referenza fil-qiegħ f'dawn it-termini: "Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għal kundizzjonijiet stipulati fi'Taqsima II, paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari." jew "Dan it-trattament tariffarju favorevoli huwa suġġett għall-konformità mal-formalitajiet u kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsima II, paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari."

2. Oġġetti mhux tajbin għall-konsum li għalihom jingħata trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura tagħhom huma elenkati f'Anness 8 b'referenza għat-titlu li fih huma klassifikati flimkien mad-deskrizzjoni u l-kwantitajiet tad-denaturanti użati. Oġġetti bħal dawn jitqiesu li m'humiex tajbin għall-konsum meta l-oġġetti li għandhom ikunu denaturati u id-denaturanti jkunu mħalltin b'mod omoġenju u s-separazzjoni tagħhom m'hijiex ekonomikament vijabbli.

([1]) Is-subtitli konċernati huma: 0408 11 20, 0408 19 20, 0408 91 20, 0408 99 20, 0701 10 00, 0712 90 11, 0806 10 10, 1001 91 10, 1005 10 13, 1005 10 15, 1005 10 18, 1006 10 10, 1007 10 10, 1106 20 10, 1201 10 00, 1202 30 00, 1204 00 10, 1205 10 10, 1206 00 10, 1207 21 00, 1207 40 10, 1207 50 10, 1207 91 10, 1207 99 20, 2401 10 35, 2401 10 85, 2401 10 95, 2401 20 35, 2401 20 85, 2401 20 95, 2501 00 51, 3102 50 10, 3105 90 10, 3502 11 10, 3502 19 10, 3502 20 10, 3502 90 20, 5911 20 00.

3. L-oġġetti elenkati hawn taħt għandhom ikunu klassifikati fit-titli xierqa għal żerriegħa jew għal żriegħ, sakemm l-oġġetti huma konformi mad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Komunità:

   — għall-qamħ ħelu, *spelt*, qamħirrun ibridu, ross u sorgu (Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE [1]);

   — għall-patata taż-żriegħ (Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 [2]);

   — għal żerriegħa żejtnija u frott żejtni (Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 [3]).

   Meta qamħ ħelu ibridu, *spelt*, qamħirrun ibridu, ross, sorgu ibridu jew żerriegħa żejtnija u frott żejtni huma ta' tip li għalih ma japplikawx id-dispożizzjonijiet agrikoli, għandu jingħata trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura tagħhom, sakemm ikun stabbilit li l-oġġetti huma attwalment intiżi għal żriegħ.

4. Drapp tal-pezza, mhux maħdum, għandu jingħata trattament favorevoli ta' tariffa bil-kundizzjoni li l-oġġetti jkunu mmarkati b'mod li ma jitħassarx b'manjiera li tidentifikahom li huma ntiżi għal pezez jew għal għanijiet simili industrijali.

5. Għeneb tal-mejda frisk, tabakk u nitrat jingħataw trattament favorevoli ta' tariffa meta jkun preżentat ċertifikat awtentikat kif suppost. Id-dispożizzjonijiet partikolari li għandhom jiġu applikati u l-mudelli taċ-ċertifikati jinsabu f'Anness 9.

(1) ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309.
(2) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60.
(3) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74.

SINJALI, ABBREVJAZZJONIJIET U SIMBOLI

★	Tirreferi għal numri ġodda tal-kodiċi
■	Tirreferi għal numri tal-kodiċi użati s-sena ta' qabel iżda jkopru oġġetti differenti
AD F/M	Dazju żejjed fuq id-dqiq
AD S/Z	Dazju żejjed fuq iz-zokkor
b/f	Flixkun *flask*
ċm/s	Ċentimetru/i fis-sekonda
EA	Komponent agrikolu
€	Ewro
INN	Isem Internazzjonali Mhux Proprjetarju
INNM	Isem Internazzjonali Mhux Proprjetarju Modifikat
ISO	Organizazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni
Kbit	1 024 bits
kg/br	Kilogramm, gross
kg/netti	Kilogramm, nett
kg/netti eda	Kilogramm piż nett xott
kg/netti mas	Kilogramm, nett ta' materjal xott
MAX	Massimu
Mbit	1 048 576 bits
MIN	Minimu
ml/g	Millilitru/i kull gramma
mm/s	Millimetru/i fis-sekonda
RON	Numru Ottan ta' Riċerka (*Research octane number*)

Nota:

Numru ta' titlu mqiegħed bejn parentesi kwadri f'kolonna 1 ta' l-Iskeda tad-Dazji tad-Dwana jindika li t-titlu kien imħassar (per eżempju, t-titlu [1519]).

UNITAJIET SUPPLIMENTARI

c/k	Karati (1 karat metriku = 2 x 10^{-4} kg)
ċe/el	Numru ta' ċelluli
ċt/l	Kapaċità ta' ġarr f'tunellati [1]
g	Gramm
gi F/S	Gramm ta' isotopi fissili
kg $C_5H_{14}ClNO$	Kilogramm klorur tal-kolin
kg H_2O_2	Kilogramm perossidu ta' l-idroġenu
kg K_2O	Kilogramm ossidu tal-potassju
kg KOH	Kilogramm idrossidu tal-potassju (potassju kawstiku)
kg met.am.	Kilogramm metilamini
kg N	Kilogramm nitroġenu
kg NaOH	Kilogramm idrossidu tas-sodju (soda kawstika)
kg/net eda	Kilogramm piż nett xott
kg P_2O_5	Kilogramm ta' pentaossidu difosforu
kg 90 % sdt	Kilogramm ta' sustanza 90 % xotta
kg U	Kilogramm ta' uranju
1 000 kWh	1000 kilowott - siegħat
l	Litru
1 000 l	1000 Litri
l alc. 100 %	Litru alkoħol pur (100 %)
m	Metru
m^2	Metru kwadru
m^3	Metru kubu
1 000 m^3	1 000 metru kubu
pa	Għadd ta' pari
p/st	Għadd ta' oġġetti
100 p/st	Mitt oġġett
1 000 p/st	Elf oġġett
TJ	Terajoule (valur kalorifiku gross)
—	L'ebda unità supplimentari

[1] "Kapaċità ta' ġarr f'tunnellati" (ct/l) tfisser il-kapaċità ta' ġarr ta' bastiment espressa f'tunnellati, mingħajr ma tinkludi l-imħażen tal-vapur (karburant, tagħmir, provvisti ta' ikel, eċċ.). Persuni li jkunu jinġarru abbord (ekwipaġġ u passiġġieri) u l-valiġġa tagħhom huma esklużi ukoll.

IT-TIENI PARTI

SKEDA TA' DAZJI TAD-DWANA

TAQSIMA I

ANNIMALI ĦAJJIN; PRODOTTI MINN ANNIMALI

Noti

1. Kwalunkwe referenza f'din it taqsima għal ġeneru jew speċi partikolari ta' annimal, ħlief fejn il-kuntest jitlob mod ieħor, tinkludi referenza għall-frieħ ta' dak il-ġeneru jew ta' dik l-ispeċi.
2. Ħlief fejn il-kuntest jitlob mod ieħor, tul in-nomenklatura kwalunkwe referenza għal prodotti "mnixxfin" tkopri ukoll prodotti li kienu ddeidrati, evaporati jew iffriżati u mnixxfin (*freeze-dried*).

KAPITLU 1

ANNIMALI ĦAJJIN

Nota

1. Dan il-kapitlu jkopri annimali ħajjin kollha, ħlief:
   (a) ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akwatiċi oħrajn, ta' titlu 0301, 0306, 0307 jew 0308;
   (b) kulturi ta' mikro-organiżmi u prodotti oħrajn ta' titlu 3002; u
   (ċ) annimali ta' titlu 9508.

	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
	1	2	3	4
	0101	**Żwiemel, ħmir, bgħula u bgħula tar-rkib:**		
		– **Żwiemel:**		
★	**0101 21 00**	– – **Annimali ta' razza pura għar-razza** [1]	B'xejn	p/st
	0101 29	– – **Oħrajn:**		
★	**0101 29 10**	– – – Għall-qtil [2]	B'xejn	p/st
★	**0101 29 90**	– – – Oħrajn	11,5	p/st
★	**0101 30 00**	– **Ħmir**	7,7	p/st
★	**0101 90 00**	– **Oħrajn**	10,9	p/st
	0102	**Annimali ta' l-ifrat ħajjin:**		
		– **Frat:**		
	0102 21	– – **Annimali ta' razza pura għar-razza** [3]**:**		
★	**0102 21 10**	– – – Għoġiela (annimali ta' l-ifrat nisa li qatt ma welldu)	B'xejn	p/st
★	**0102 21 30**	– – – Baqar	B'xejn	p/st
★	**0102 21 90**	– – – Oħrajn	B'xejn	p/st

[1] Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti tal-Komunità rilevanti (ara Direttiva tal-Kunsill 94/28/KE (ĠU L 178, 12.7.1994, p. 66); Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 3)).

[2] Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti rilevanti tal-Komunità (ara Artikli 291 sa 300 ta' Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1)).

[3] Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti tal-Komunità rilevanti (ara Direttiva tal-Kunsill 2009/157/KE (ĠU L 323, 10.12.2009, p. 1); Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 133/2008 (ĠU L 41, 15.2.2008, p. 11); Direttiva tal-Kunsill 94/28/KE (ĠU L 178, 12.7.1994, p. 66); Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/510/KE (ĠU L 210, 20.8.1996, p. 53)).

2208 90 91	– – – 2 litri jew anqas	1 €/% vol/ hl + 6,4 €/hl	l alc. 100 %
2208 90 99	– – – Aktar minn 2 litri	1 €/% vol/hl	l alc. 100 %
2209 00	**Ħall u sostituti tal-ħall magħmulin minn aċtu aċetiku:**		
	– Ħall ta' l-inbid, f'kontenituri li jesgħu:		
2209 00 11	– – 2 litri jew anqas	6,4 €/hl	l
2209 00 19	– – Aktar minn 2 litri	4,8 €/hl	l
	– Oħrajn, f'kontenituri li jesgħu:		
2209 00 91	– – 2 litri jew anqas	5,12 €/hl	l
2209 00 99	– – Aktar minn 2 litri	3,84 €/hl	l

KAPITLU 23

FDAL U SKART MILL-INDUSTRIJA TA' L-IKEL; GĦALF TA' L-ANNIMALI PPREPARAT

Nota

1. Titlu 2309 jinkludi prodotti ta' kwalità użata għal għalf ta' l-annimali, mhux speċifikati jew imsemmijin band'oħra, magħmulin bl-ipproċessar ta' materjali veġetali jew annimali f'tali stat li jkunu tilfu l-karatteristiċi essenzjali tal-materjal oriġinali, ħlief skart veġetali, fdal veġetali u riżultati ta' dan l-ipproċessar.

Nota għas-subtitlu

1. Għall-għanijiet ta' subtitlu 2306 41, l-espressjoni "lift jew żerriegħa tal-kolza b'aċtu eruċiku baxx" tfisser żrieragħ kif imfissrin fin-nota għas-subtitlu 1 għal Kapitlu 12.

Noti addizzjonali

1. *Subtitli 2303 10 11 u 2303 10 19 jinkludu biss fdal mill-manifattura ta' lamtu minn qamħirrun u ma jkoprux taħlit ta' dan il-fdal ma' prodotti ġejjin minn pjanti oħrajn jew prodotti ġejjin minn qamħirrun mod ieħor milli waqt il-produzzjoni ta' lamtu bil-proċess niedi.*

   Il-kontenut ta' lamtu tagħhom ma jistax jaqbeż 28 % tal-piż tal-prodott xott, skond il-metodu li jinsab f'Anness III, parti L, għal Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009, u l-kontenut ta' xaħam tagħhom ma jistax jaqbeż 4,5 % tal-piż tal-prodott xott, skond il-metodu msemmi f'Anness III, parti H, għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009.

2. *Subtitlu 2306 90 05 jinkludi biss fdal mill-estrazzjoni ta' żejt minn qlub ġerminattivi (nebbieta) ta' qamħirrun u li jkun fih dawn l-ingredjenti fil-kwantitajiet speċifikati, meqjusin bil-piż tal-prodott xott:*

   (a) prodotti b'kontenut ta' żejt anqas minn 3 %:

   — *kontenut ta' lamtu: inqas minn 45 %,*

   — *kontenut ta' proteini (kontenut ta' nitroġenu × 6,25): mhux inqas minn 11,5 %,*

   (b) prodotti b'kontenut ta' żejt mhux anqas minn 3 % u mhux aktar minn 8 %:

   — *kontenut ta' lamtu: inqas minn 45 %,*

   — *kontenut ta' proteini (kontenut ta' nitroġenu × 6,25): mhux inqas minn 13 %.*

   Minbarra dan, dawn il-fdalijiet m'għandux ikun fihom ingredjenti li ma jiġux minn ħbub tal-qamħirrun.

   Biex ikun stabbilit il-kontenut ta' lamtu u proteina, għandhom ikunu applikati l-metodi stipulati f'Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009, Anness III, parti L u C.

   Biex ikun stabbilit il-kontenut ta' żejt u umdità, għandhom ikunu applikati l-metodi stipulati f'Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009, Anness III, parti H u A, rispettivament.

   Prodotti li fihom komponenti minn bċejjeċ ta' ħbub tal-qamħirrun li kienu miżjudin wara l-ipproċessar u ma kienux suġġetti għall-proċess ta' estrazzjoni taż-żejt huma esklużi.

3. *Għall-għanijiet ta' subtitli 2307 00 11, 2307 00 19, 2308 00 11 u 2308 00 19, dawn l-espressjonijiet għandhom ifissru kif ġej:*

   — *"saħħa alkoħolika attwali bil-massa": in-numru ta' kilogrammi ta' alkoħol pur li hemm f'100 kg tal-prodott,*

   — *"saħħa alkoħolika potenzjali bil-massa": in-numru ta' kilogrammi ta' alkoħol pur li jista' jiġi prodott b'fermentazzjoni totali taz-zokkrijiet li jinsabu f'100 kg tal-prodott,*

   — *"saħħa alkoħolika totali bil-massa": is-somma tas-saħħa alkoħolika attwali u dik potenzjali bil-massa,*

   — *"% mas": is-simbolu ta' saħħa alkoħolika bil-massa.*

4. *Għall-għanijiet ta' subtitli 2309 10 11 sa 2309 10 70 u 2309 90 31 sa 2309 90 70, l-espressjoni "prodotti ta' ħalib" tfisser il-prodotti ta' titli 0401, 0402, 0404, 0405 u 0406 u ta' subtitli 0403 10 11 sa 0403 10 39, 0403 90 11 sa 0403 90 69, 1702 11 00, 1702 19 00 u 2106 90 51.*

5. *Subtitlu 2309 90 20 jinkludi biss fdal mill-manifattura ta' lamtu mill-qamħirrun, u ma jkoprix taħlit ta' dawn il-fdalijiet ma' prodotti derivati minn qamħirrun mod ieħor milli waqt il-produzzjoni ta' lamtu bil-proċess niedi, li fihom:*

— *skart mit-tgħarbil ta' qamħirrun użat fil-proċess niedi fi proporzjon li ma jaqbiżx 15 % tal-piż, u/jew*

— *fdal ta' ilma tat-tixrib tal-qamħirrun, mill-proċess niedi, inklużi fdal ta' ilma tat-tixrib użat għall-manifattura ta' alkoħol jew ta' prodotti oħrajn ġejjin mill-lamtu.*

Dawn il-prodotti jistgħu jkun fihom ukoll fdal mill-estrazzjoni ta' żejt tan-nebbieta tal-qamħirrun bil-proċess tat-tħin niedi.

Il-kontenut ta' lamtu tagħhom ma jistax jaqbeż 28 % tal-piż tal-prodott xott skond il-metodu stipulat f'Anness III, parti L, għal Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009, il-kontenut ta' xaħam tagħhom ma jistax jaqbeż 4,5 % tal-piż tal-prodott xott meqjus skond il-metodu msemmi f'Anness III, parti H, għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 u l-kontenut ta' proteina ma għandux jaqbeż 40 % tal-prodott xott determinat skond il-metodu stipulat f'Anness III, parti C għal Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
2301	**Dqiq, pasta u gerbub, ta' laħam jew fdal ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn, mhumiex tajbin għal konsum uman; skart tax-xaħam ta' dam (*greaves*):**		
2301 10 00	– **Dqiq, pasta u gerbub, ta' laħam jew fdal ta' laħam; skart tax-xaħam ta' dam (*greaves*)**	B'xejn	—
2301 20 00	– **Dqiq, pasta u gerbub, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn**	B'xejn	—
2302	**Granza, dqiq inferjuri (*sharps*) u fdal oħrajn, fil-forma ta' gerbub jew le, ġejjin mit-tnaqqih, tħin jew xogħol ieħor fuq ċereali jew pjanti leguminużi:**		
2302 10	– **Ta' qamħirrun (qamħ):**		
2302 10 10	– – B'kontenut ta' lamtu mhux aktar minn 35 % tal-piż	44 €/t	—
2302 10 90	– – Oħrajn	89 €/t	—
2302 30	– **Ta' qamħ:**		
2302 30 10	– – Meta l-kontenut ta' lamtu ma jaqbiżx 28 % tal-piż, u li l-proporzjon tiegħu li jgħaddi minn passatur b'apertura ta' 0,2 mm ma jaqbiżx 10 % tal-piż jew inkella il-proporzjon li jgħaddi mill-passatur għandu kontenut ta' rmied, meqjus fuq il-prodott xott, ta' 1,5 % jew aktar tal-piż	44 €/t [1]	—
2302 30 90	– – Oħrajn	89 €/t [1]	—
2302 40	– **Ta' ċereali oħrajn:**		
	– – Ta' ross:		
2302 40 02	– – – B'kontenut ta' lamtu mhux aktar minn 35 % tal-piż	44 €/t	—
2302 40 08	– – – Oħrajn	89 €/t	—
	– – Oħrajn:		
2302 40 10	– – – Meta l-kontenut ta' lamtu ma jaqbiżx 28 % tal-piż, u li l-proporzjon tiegħu li jgħaddi minn passatur b'apertura ta' 0,2 mm ma jaqbiżx 10 % tal-piż jew inkella il-proporzjon li jgħaddi mill-passatur għandu kontenut ta' rmied, meqjus fuq il-prodott xott, ta' 1,5 % jew aktar tal-piż	44 €/t [1]	—
2302 40 90	– – – Oħrajn	89 €/t [1]	—
2302 50 00	– **Ta' pjanti leguminużi**	5,1	—

[1] Kwota tat-tariffa WTO (*Għaqda Dinjija għall-Kummerċ*): ara Anness 7.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
2303	**Fdal ta' manifattura ta' lamtu u fdal simili, polpa tal-kannamieli, *bagasse* u skart ieħor tal-manifattura taz-zokkor, fermentazzjoni jew distillar ta' fond u skart, f'forma ta' gerbub jew le:**		
2303 10	**– Fdal tal-manifattura tal-lamtu u fdalijiet simili:**		
	– – Fdal mill-manifattura ta' lamtu mill-qamħirrun (ħlief likuri konċentrati mit-tixrib), b'kontenut ta' proteina, kalkulat fuq il-prodott xott:		
2303 10 11	– – – Aktar minn 40 % tal-piż	320 €/t [1]	—
2303 10 19	– – – Mhux aktar minn 40 % tal-piż	B'xejn	—
2303 10 90	– – Oħrajn	B'xejn	—
2303 20	**– Polpa tal-kannamieli, *bagasse* u skart ieħor tal-manifattura taz-zokkor:**		
2303 20 10	– – Polpa tal-kannamieli	B'xejn	—
2303 20 90	– – Oħrajn	B'xejn	—
2303 30 00	**– Fermentazzjoni jew distillar ta' fond u skart**	B'xejn	—
2304 00 00	**Għalf tal-bhejjem (*oilcake*) u fdalijiet oħrajn solidi, kemm jekk miṫunin jew f'forma ta' gerbub kif ukoll jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt tas-sojja**	B'xejn	—
2305 00 00	**Għalf tal-bhejjem (*oilcake*) u fdalijiet oħrajn solidi, kemm jekk miṫunin jew f'forma ta' gerbub kif ukoll jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt tal-karawett**	B'xejn	—
2306	**Għalf tal-bhejjem (*oilcake*) u fdalijiet oħrajn solidi, kemm jekk miṫunin jew f'forma ta' gerbub kif ukoll jekk le, li jirriżulta mill-estrazzjoni ta' xaħam u żejt veġetali, ħlief dawk ta' titlu 2304 jew 2305:**		
2306 10 00	**– Taż-żerriegħa tal-qoton**	B'xejn	—
2306 20 00	**– Taż-żerriegħa ta' l-għażel**	B'xejn	—
2306 30 00	**– Taż-żerriegħa tal-ġirasol**	B'xejn	—
	– Ta' żrieragħ tal-lift jew tal-kolza:		
2306 41 00	**– – Ta' żrieragħ tal-lift jew tal-kolza b'aċtu eruċiku baxx**	B'xejn	—
2306 49 00	**– – Oħrajn**	B'xejn	—
2306 50 00	**– Ta' ġewż ta' l-Indi jew kopra**	B'xejn	—
2306 60 00	**– Ta' ġewż tal-palm jew il-qlub tagħhom**	B'xejn	—
2306 90	**– Oħrajn:**		
2306 90 05	– – Ta' nebbieta tal-qamħirrun (qamħ)	B'xejn	—
	– – Oħrajn:		
	– – – Għalf tal-bhejjem (*oilcake*) u fdalijiet oħrajn li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt taż-żebbuġ:		
2306 90 11	– – – – Li fihom 3 % jew inqas tal-piż żejt taż-żebbuġ	B'xejn	—
2306 90 19	– – – – Li fihom aktar minn 3 % tal-piż żejt taż-żebbuġ	48 €/t	—
2306 90 90	– – – Oħrajn	B'xejn	—
2307 00	**Fond ta' l-inbid; argol:**		
	– Fond ta' l-inbid:		
2307 00 11	– – B'saħħa alkoħolika totali bil-massa mhux aktar minn 7,9 % mas u kontenut ta' materjal xott mhux inqas minn 25 % tal-piż	B'xejn	—
2307 00 19	– – Oħrajn	1,62 €/kg/tot. alc.	—

[1] Kwota tat-tariffa WTO (*Għaqda Dinjija għall-Kummerċ*): ara Anness 7.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
2307 00 90	– Argol	B'xejn	—
2308 00	**Materjali veġetali u skart veġetali, fdalijiet veġetali u prodotti li jirriżultaw minnhom, kemm f'forma ta' gerbub kif ukoll jekk le, ta' kwalità użata għal għalf ta' annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:**		
	– Karfa ta' għeneb magħsur:		
2308 00 11	– – B'saħħa alkoholika totali bil-massa mhux aktar minn 4,3 % mas u kontenut ta' materjal xott mhux inqas minn 40 % tal-piż	B'xejn	—
2308 00 19	– – Oħrajn	1,62 €/kg/tot. alc.	—
2308 00 40	– Ġandar u qastan selvaġġ; lbieba jew karfa tal-frott, ħlief ta' għeneb	B'xejn	—
2308 00 90	– Oħrajn	1,6	—
2309	**Preparazzjonijiet ta' tip użati għal għalf ta' annimali:**		
2309 10	– **Ikel għal klieb jew għal qtates, ippreżentat għal bejgħ bl-imnut:**		
	– – Li fih lamtu, glukows, ġulepp tal-glukows, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina ta' subtitli 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 jew prodotti ta' ħalib:		
	– – – Li fih lamtu, glukows, ġulepp tal-glukows, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina:		
	– – – – Li ma fihx lamtu jew fih lamtu 10 % jew inqas bil-piż:		
2309 10 11	– – – – – Mingħajr prodotti ta' ħalib jew fih inqas minn 10 % bil-piż minn dawn il-prodotti	B'xejn	—
2309 10 13	– – – – – Fih mhux inqas minn 10 % iżda inqas minn 50 % tal-piż prodotti ta' ħalib	498 €/t [1]	—
2309 10 15	– – – – – Fih mhux inqas minn 50 % iżda inqas minn 75 % tal-piż prodotti ta' ħalib	730 €/t [1]	—
2309 10 19	– – – – – Fih mhux inqas minn 75 % tal-piż prodotti ta' ħalib	948 €/t [1]	—
	– – – – Li fih aktar minn 10 % iżda mhux aktar minn 30 % bil-piż lamtu:		
2309 10 31	– – – – – Ma fihx prodotti ta' ħalib jew fih inqas minn 10 % tal-piż minn dawn il-prodotti	B'xejn	—
2309 10 33	– – – – – Fih mhux inqas minn 10 % iżda inqas minn 50 % tal-piż prodotti ta' ħalib	530 €/t [1]	—
2309 10 39	– – – – – Fih mhux inqas minn 50 % tal-piż prodotti ta' ħalib	888 €/t [1]	—
	– – – – Li fih aktar minn 30 % tal-piż lamtu:		
2309 10 51	– – – – – Ma fihx prodotti ta' ħalib jew fih inqas minn 10 % tal-piż minn dawn il-prodotti	102 €/t [1]	—
2309 10 53	– – – – – Fih mhux inqas minn 10 % iżda inqas minn 50 % tal-piż prodotti ta' ħalib	577 €/t [1]	—
2309 10 59	– – – – – Fih mhux inqas minn 50 % tal-piż prodotti ta' ħalib	730 €/t [1]	—
2309 10 70	– – – Ma fihx lamtu, glukows, ġulepp tal-glukows, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina iżda fih prodotti ta' ħalib	948 €/t [1]	—
2309 10 90	– – Oħrajn	9,6	—
2309 90	– **Oħrajn:**		
2309 90 10	– – Materjali li jinħallu ta' ħut jew ta' mammiferi tal-baħar	3,8	—
2309 90 20	– – Prodotti msemmijin f'nota addizzjonali 5 għal dan il-kapitlu	B'xejn	—

[1] Kwota tat-tariffa WTO (*Għaqda Dinjija għall-Kummerċ*): ara Anness 7.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
	– – Oħrajn, inklużi taħlitiet lesti:		
	– – – Li fihom lamtu, glukows, ġulepp tal-glukows, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina ta' subtitli 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 jew prodotti ta' ħalib:		
	– – – – Li fih lamtu, glukows, ġulepp tal-glukows, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina:		
	– – – – – Li ma fihx lamtu jew fih lamtu 10 % jew inqas bil-piż:		
2309 90 31	– – – – – – Mingħajr prodotti ta' ħalib jew fih inqas minn 10 % bil-piż minn dawn il-prodotti	23 €/t (1)	—
2309 90 33	– – – – – – Fih mhux inqas minn 10 % iżda inqas minn 50 % tal-piż prodotti ta' ħalib . .	498 €/t	—
2309 90 35	– – – – – – Fih mhux inqas minn 50 % iżda inqas minn 75 % tal-piż prodotti ta' ħalib . .	730 €/t	—
2309 90 39	– – – – – – Fih mhux inqas minn 75 % tal-piż prodotti ta' ħalib	948 €/t	—
	– – – – – Li fih aktar minn 10 % iżda mhux aktar minn 30 % bil-piż lamtu:		
2309 90 41	– – – – – – Ma fihx prodotti ta' ħalib jew fih inqas minn 10 % tal-piż minn dawn il-prodotti	55 €/t (1)	—
2309 90 43	– – – – – – Fih mhux inqas minn 10 % iżda inqas minn 50 % tal-piż prodotti ta' ħalib . .	530 €/t	—
2309 90 49	– – – – – – Fih mhux inqas minn 50 % tal-piż prodotti ta' ħalib	888 €/t	—
	– – – – – Li fih aktar minn 30 % tal-piż lamtu:		
2309 90 51	– – – – – – Ma fihx prodotti ta' ħalib jew fih inqas minn 10 % tal-piż minn dawn il-prodotti	102 €/t (1)	—
2309 90 53	– – – – – – Fih mhux inqas minn 10 % iżda inqas minn 50 % tal-piż prodotti ta' ħalib . .	577 €/t	—
2309 90 59	– – – – – – Fih mhux inqas minn 50 % tal-piż prodotti ta' ħalib	730 €/t	—
2309 90 70	– – – – Ma fihx lamtu, glukows, ġulepp tal-glukows, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina iżda fih prodotti ta' ħalib	948 €/t	—
	– – – Oħrajn:		
2309 90 91	– – – – Polpa tal-kannamieli b'għasel iswed miżjud	12	—
★ **2309 90 96**	– – – – Oħrajn	9,6	—

(1) Kwota tat-tariffa WTO (*Għaqda Dinjija għall-Kummerċ*): ara Anness 7.

KAPITLU 24

TABAKK U SOSTITUTI MANIFATTURATI TA' TABAKK

Nota

1. Dan il-kapitlu ma jkoprix sigarretti mediċinali (Kapitlu 30).

Nota tas-Subintestatura

1. Għall-iskopijiet tas-subtitlu 2403 11, l-espressjoni "tabakk tal-pip tal-ilma" jfisser tabakk li jintuża għat-tipjip ta' pipa tal-ilma u li jikkonsisti minn taħlita ta' tabakk u gliċerol, kemm bi żjut aromatiċi u kemm jekk le u estratti, għasel iswed jew zokkor, u kemm jekk bit-togħma tal-frott u kemm jekk le. Madanakollu, il-prodotti mingħajr tabakk bl-iskop i jitpejpu f'pipa tal-ilma huma esklużi minn din is-subtitlu.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
2401	**Tabakk mhux manifatturat; skart ta' tabakk:**		
2401 10	– **Tabakk, biz-zokk mhux maqtugħ:**		
2401 10 35	– – Tabakk ċar imqadded bl-arja	11,2 MIN 22 € MAX 56 €/100 kg/net (1)	—
2401 10 60	– – Tabakk ta' tip orjentali imqadded fix-xemx	11,2 MIN 22 € MAX 56 €/100 kg/net	—
2401 10 70	– – Tabakk skur imqadded bl-arja	11,2 MIN 22 € MAX 56 €/100 kg/net	—
2401 10 85	– – Tabakk imqadded bi sħana artifiċjali (*flue-cured*)	11,2 MIN 22 € MAX 56 €/100 kg/net (2)	—
2401 10 95	– – Oħrajn	10 MIN 22 € MAX 56 €/100 kg/net (3)	—
2401 20	– **Tabakk, biz-zokk maqtugħ kompletament jew parzjalment:**		
2401 20 35	– – Tabakk ċar imqadded bl-arja	11,2 MIN 22 € MAX 56 €/100 kg/net (1)	—
2401 20 60	– – Tabakk ta' tip orjentali imqadded fix-xemx	11,2 MIN 22 € MAX 56 €/100 kg/net	—
2401 20 70	– – Tabakk skur imqadded bl-arja	11,2 MIN 22 € MAX 56 €/100 kg/net	—
2401 20 85	– – Tabakk imqadded bi sħana artifiċjali (*flue-cured*)	11,2 MIN 22 € MAX 56 €/100 kg/net (2)	—

(1) Trattament tariffarju favorevoli għal tabakk "tat-tip Burley ċar imqadded bl-arja (inklużi ibridi Burley)" u "tat-tip Maryland ċar imqadded bl-arja": 18,4 MIN 22 € MAX 24 €/100 kg/net. Dan it-trattament tariffarju favorevoli huwa suġġett għall-konformità mal-formalitajiet u kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsima II, paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari.

(2) Trattament tariffarju favorevoli għal tabakk "tat-tip Virginia mqadded bi sħana artifiċjali (*flue-cured*)": 18,4 MIN 22 € MAX 24 €/100 kg/net. Dan it-trattament tariffarju favorevoli huwa suġġett għall-konformità mal-formalitajiet u kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsima II, paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari.

(3) Trattament tariffarju favorevoli għal tabakk "imqadded bin-nar": 18,4 MIN 22 € MAX 24 €/100 kg/net. Dan it-trattament tariffarju favorevoli huwa suġġett għall-konformità mal-formalitajiet u kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsima II, paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari.

	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
	1	2	3	4
	2401 20 95	– – Oħrajn	11,2 MIN 22 € MAX 56 €/100 kg/net (1)	—
	2401 30 00	– **Skart ta' tabakk**	11,2 MIN 22 € MAX 56 €/100 kg/net	—
	2402	**Sigarri, *cheroots*, *cigarillos* u sigarretti, ta' tabakk jew ta' sostituti ta' tabakk:**		
	2402 10 00	– **Sigarri, *cheroots* u *cigarillos*, li fihom tabakk**	26	1 000 p/st
	2402 20	– **Sigarretti li fihom tabakk:**		
	2402 20 10	– – Fihom imsiemer tal-qronfol	10	1 000 p/st
	2402 20 90	– – Oħrajn	57,6	1 000 p/st
	2402 90 00	– **Oħrajn**	57,6	—
	2403	**Tabakk ieħor manifatturat u sostituti ta' tabakk manifatturat; tabakk "omoġenizzat" jew "rikostitwit"; estratti u essenzi ta' tabakk:**		
		– **Tabakk tat-tipjip, kemm jekk fih sostituti ta' tabakk f'kull proporzjon kif ukoll jekk ma fihx:**		
★	**2403 11 00**	– – **Tabakk tal-pipa tal-ilma speċifikat f'nota 1 tas-subtitlu għal dan il-kapitlu**	74,9	—
	2403 19	– – **Oħrajn:**		
★	**2403 19 10**	– – – F'pakki diretti b'kontenut nett mhux akbar minn 500 g	74,9	—
★	**2403 19 90**	– – – Oħrajn	74,9	—
		– **Oħrajn:**		
	2403 91 00	– – **Tabakk "omoġenizzat" jew "rikostitwit"**	16,6	—
	2403 99	– – **Oħrajn:**		
	2403 99 10	– – – Magħda u tabakk ta' l-imnieħer	41,6	—
	2403 99 90	– – – Oħrajn	16,6	—

(1) Trattament tariffarju favorevoli għal tabakk "imqadded bin-nar": 18,4 MIN 22 € MAX 24 €/100 kg/net. Dan it-trattament tariffarju favorevoli huwa suġġett għall-konformità mal-formalitajiet u kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsima II, paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari.

TAQSIMA V

PRODOTTI MINERALI

KAPITLU 25

MELĦ; KUBRIT; TRABIJIET U ĦAĠAR; MATERJALI TAT-TIKĦIL, ĠIR U SIMENT

Noti

1. Ħlief meta l-kuntest tagħhom jew nota 4 għal dan il-kapitlu jitolbu mod ieħor, it-titli ta' dan il-kapitlu jkopru biss prodotti fl-istat mhux raffinat tagħhom jew li nħaslu (anki jekk b'sustanzi kimiċi li jneħħu l-impuritajiet mingħajr ma jibdlu l-istruttura tal-prodott), li kienu mfarrkin, mitħunin, magħmulin trab, levigati, mgħarblin, magħżulin, konċentrati permezz ta' flotazzjoni, separati b'mod manjetiku jew proċessi fiżiċi jew mekkaniċi oħrajn (ħlief kristallizzazzjoni), iżda mhux prodotti li kienu inkaljati, magħmulin ġir, magħmulin permezz ta' taħlit jew soġġetti għal proċessar aktar minn dak imsemmi f'kull titlu.

   Il-prodotti ta' dan il-kapitlu jista' jkollhom aġent kontra l-formazzjoni ta' trab miżjud magħhom; sakemm din iż-żieda ma tagħmilx il-prodott partikolarment utli għal użu speċifiku milli għal użu ġenerali.

2. Dan il-kapitlu ma jkoprix:

   (a) kubrit sublimat, kubrit preċipitat jew kubrit kollojde (titlu 2802);

   (b) kuluri tat-trab li jkun fihom 70 % jew iżjed mill-piż tagħhom ħadid kombinat meqjus bħala Fe_2O_3 (titlu 2821);

   (ċ) medikamenti jew prodotti oħrajn ta' Kapitlu 30;

   (d) fwieħa, preparazzjonijiet kosmetiċi jew tat-twaletta (Kapitlu 33);

   (e) settijiet, kurduni ta' bankini jew ċangaturi (titlu 6801); kubi tal-mużajk jew simili (titlu 6802); tisqif, lavanji għal kisi jew għas-saff kontra l-umdu (titlu 6803);

   (f) ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż (titlu 7102 jew 7103);

   (g) kristalli koltivati (għajr elementi ottiċi) li ma jiżnux inqas minn 2,5 g kull waħda, ta' melħ komuni (*sodium chloride*) jew ta' ossidu tal-manjesju (*magnesium oxide*) ta' titlu 3824; elementi ottiċi ta' melħ komuni (*sodium chloride*) jew ta' ossidu tal-manjesju (*magnesium oxide*) (titlu 9001);

   (h) ġibs tal-biljard (titlu 9504); jew

   (ij) ġibs għal kitba jew tpinġija jew ġibs tal-ħajjata (titlu 9609).

3. Kwalunkwe prodotti li jkunu klassifikati f'titlu 2517 u fi kwalunkwe titlu ieħor tal-kapitlu għandhom ikunu klassifikati f'titlu 2517.

4. Titlu 2530 japplika, fost l-oħrajn, għal: vermikolat, perlajt u kloriti, mhux espanduti; kuluri tat-trab, kemm jekk ikunu magħmulin ġir jew imħalltin flimkien u kemm jekk le; ossidi ta' ħadid bħall-majka naturali; *meerschaum* (kemm jekk f'biċċiet illustrati u kemm jekk le); ambra; *meerschaum* magħqud u ambra mgħaqqda, f'folji, qasab, stikek jew forom simili, mhux maħdumin wara li kienu mudellati; ġett; stronzjanit (kemm jekk magħmul ġir u kemm jekk le), għajr ossidu ta' l-istronzju; bċejjeċ imkissrin ta' ċaqquf, briks jew konkos.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
2501 00	**Melħ (inkluż melħ tal-mejda u melħ żnaturat) u melħ (*sodium chloride*) pur, kemm jekk maħlul f'soluzzjoni ta' ilma jew li jkollu miżjudin miegħu aġenti biex ma jagħqadx jew aġenti għal mixi ħieles u kemm jekk le; ilma baħar:**		
2501 00 10	– Ilma baħar u likuri melħin	B'xejn	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
	– Melħ komuni (inkluż melħ tal-mejda u melħ żnaturat) u melħ (*sodium chloride*) pur, kemm jekk maħlul f'soluzzjoni ta' ilma jew li jkollu miżjudin miegħu aġenti biex ma jagħqadx jew aġenti għal mixi ħieles u kemm jekk le:		
2501 00 31	– – Għal trasformazzjoni kimika (separazzjoni ta' Na minn Cl) għall-manifattura ta' prodotti oħrajn (1)	B'xejn	—
	– – Oħrajn:		
2501 00 51	– – – Żnaturati (2) jew għal użi industrijali (inkluż irfinar) għajr il-preservazzjoni jew il-preparazzjoni ta' oġġetti ta' l-ikel għal konsum uman jew minn annimali (1)	1,7 €/1 000 kg/net	—
	– – – Oħrajn:		
2501 00 91	– – – – Melħ tajjeb għal konsum uman	2,6 €/1 000 kg/net	—
2501 00 99	– – – – Oħrajn	2,6 €/1 000 kg/net	—
2502 00 00	**Pirite tal-ħadid mhux inkaljat**	B'xejn	—
2503 00	**Kubrit ta' kull tip, ħlief kubrit sublimat, kubrit preċipitat u kubrit kollojde:**		
2503 00 10	– Kubrit mhux raffinat	B'xejn	—
2503 00 90	– Oħrajn	1,7	—
2504	**Grafita naturali:**		
2504 10 00	– **F'forma ta' trab jew ta' qxur**	B'xejn	—
2504 90 00	– **Oħrajn**	B'xejn	—
2505	**Ramel naturali ta' kull xorta, kemm jekk huwa kkulurit u kemm jekk le, ħlief ramel li jkun fih metall ta' Kapitlu 26:**		
2505 10 00	– **Ramel silika u ramel kwarz**	B'xejn	—
2505 90 00	– **Oħrajn**	B'xejn	—
2506	**Kwarz (barra ramel naturali); kwarzit, kemm jekk mirqum mingħajr finezza jew sempliċiment maqtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangatura ta' forma rettangolari (inkluża kwadra) u kemm jekk le:**		
2506 10 00	– **Kwarz**	B'xejn	—
2506 20 00	– **Kwarzit**	B'xejn	—
2507 00	**Kawlina u tafal kawliniku ieħor, kemm jekk magħmul ġir u kemm jekk le:**		
2507 00 20	– Kawlina	B'xejn	—
2507 00 80	– Tafal kawliniku ieħor	B'xejn	—
2508	**Tafal ieħor (li ma jinkludix tafal espandut ta' titlu 6806), andalusit, kjanit u sillimanit, kemm jekk magħmul ġir u kemm jekk le; mullit; *chamotte* jew tafal *dinas*:**		
2508 10 00	– **Bentonit**	B'xejn	—
2508 30 00	– **Tafal li jiflaħ in-nar**	B'xejn	—
2508 40 00	– **Tafal ieħor**	B'xejn	—
2508 50 00	– **Andalusit, kjanit u sillimanit**	B'xejn	—
2508 60 00	– **Mullit**	B'xejn	—

(1) Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti rilevanti tal-Komunità (ara Artikli 291 sa 300 ta' Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1)).

(2) Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għal kundizzjonijiet stipulati f'Taqsima II, paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
2508 70 00	– ***Chamotte* jew tafal *dinas***	B'xejn	—
2509 00 00	**Ġibs**	B'xejn	—
2510	**Fosfati tal-kalċju naturali, fosfati ta' l-aluminju tal-kalċju naturali u ġibs fosfatiku:**		
2510 10 00	– **Mhux miħun**	B'xejn	—
2510 20 00	– **Miħun**	B'xejn	—
2511	**Sulfat ta' barju naturali (baritina); karbonat ta' barju naturali (*witherite*), kemm jekk magħmul ġir u kemm jekk le, ħlief ossidu tal-barju ta' titlu 2816:**		
2511 10 00	– **Sulfat ta' barju naturali (baritina)**	B'xejn	—
2511 20 00	– **Karbonat ta' barju naturali (*whiterite*)**	B'xejn	—
2512 00 00	**Pasti ta' fossili silikużi (per eżempju, *kieselguhr*, *tripolite* u *iatomite*) u tafal silikuż simili, kemm jekk magħmulin ġir u kemm jekk le, ta' gravità speċifika fid-dieher ta' 1 jew inqas**	B'xejn	—
2513	**Ħaffiefa, żmerill, kurundun naturali, granata naturali u sustanzi oħrajn abbrassivi naturali, kemm jekk trattati bis-sħana u kemm jekk le:**		
2513 10 00	– **Ħaffiefa**	B'xejn	—
2513 20 00	– **Żmerill, kurundun naturali, granata naturali u sustanzi oħrajn abbrassivi naturali**	B'xejn	—
2514 00 00	**Lavanja, kemm jekk mirquma mingħajr finezza jew sempliċiment maqtugħa, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża kwadra) u kemm jekk le**	B'xejn	—
2515	**Irħam, travertina, *ecaussine* u ġebel ieħor kalkaruż għal monumenti jew għal bini ta' gravità speċifika fid-dieher ta' 2,5 jew iżjed, u alabastru, kemm jekk mirqum mingħajr finezza jew sempliċiment maqtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża kwadra) u kemm jekk le:**		
	– **Irħam u travertina:**		
2515 11 00	– – **Mhux raffinat jew mirqum mingħajr finezza**	B'xejn	—
2515 12 00	– – **Sempliċiment maqtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża kwadra)**	B'xejn	—
2515 20 00	– ***Ecaussine* u ġebel kalkaruż ieħor għal monumenti jew għal bini; alabastru**	B'xejn	—
2516	**Granit, porfirju, bażalt, ġebel imrammel u ġebel ieħor għal monumenti jew għal bini, kemm jekk mirqum mingħajr finezza jew sempliċiment maqtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża kwadra) u kemm jekk le:**		
	– **Granit:**		
2516 11 00	– – **Mhux raffinat jew mirqum mingħajr finezza**	B'xejn	—
2516 12 00	– – **Sempliċiment maqtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża kwadra)**	B'xejn	—
2516 20 00	– **Ġebel imrammel**	B'xejn	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
2516 90 00	**– Ġebel ieħor għal monumenti jew għal bini**	B'xejn	—
2517	**Ċagħaq, żrar, ġebel imkisser jew imfarrak, ta' tip użat ġeneralment għal taħlit tal-konkos, għat-tiswijiet ta' toroq jew linji tal-ferroviji jew saborra oħra, ċagħaq żgħir u żnied, kemm jekk trattat bis-sħana u kemm jekk le; makadam tal-gagazza, skart ta' metalli jew skart industrijali simili, kemm jekk ikollhom magħhom materjali msemmijin fl-ewwel parti tat-titlu u kemm jekk le; makadam bil-qatran; frak, żrar u trab, ta' ġebel ta' titlu 2515 jew 2516, kemm jekk trattat bis-sħana u kemm jekk le:**		
2517 10	**– Ċagħaq, żrar, ġebel imkisser jew imfarrak, ta' tip użat ġeneralment għat-taħlit tal-konkos, għat-tiswijiet ta' toroq jew linji tal-ferroviji jew saborra oħra, ċagħaq żgħir u żnied, kemm jekk trattat bis-sħana u kemm jekk le:**		
2517 10 10	– – Ċagħaq, żrar, ċagħaq żgħir u żnied	B'xejn	—
2517 10 20	– – Ġebla tal-franka, dolomit u ġebel ieħor kalkaruż, imkisser jew imfarrak	B'xejn	—
2517 10 80	– – Oħrajn	B'xejn	—
2517 20 00	**– Makadam tal-gagazza, skart ta' metalli jew skart industrijali simili, kemm jekk ikollhom magħhom il-materjali msemmijin fl-ewwel parti tat-titlu u kemm jekk le**	B'xejn	—
2517 30 00	**– Makadam bil-qatran**	B'xejn	—
	– Frak, żrar u trab, ta' ġebel ta' titlu 2515 jew 2516, kemm jekk trattat bis-sħana u kemm jekk le:		
2517 41 00	– – **Ta' rħam**	B'xejn	—
2517 49 00	– – **Oħrajn**	B'xejn	—
2518	**Dolomit, kemm jekk magħmul ġir jew mgħaqqad ma' trab bis-sħana u kemm jekk le, inkluż dolomit mirqum mingħajr finezza jew sempliċiment maqtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża kwadra) u kemm jekk le; taħlita għal twebbis ta' dolomit:**		
2518 10 00	**– Dolomit, mhux magħmul ġir jew mgħaqqad ma' trab bis-sħana**	B'xejn	—
2518 20 00	**– Dolomit magħmul ġir jew mgħaqqad ma' trab bis-sħana**	B'xejn	—
2518 30 00	**– Taħlita għal twebbis ta' dolomit**	B'xejn	—
2519	**Karbonat ta' manjesju naturali (*magnesite*); manjesja mdewwba; manjesja maħruqa għal kollox (mgħaqqda ma' trab bis-sħana), kemm jekk fiha kwantitajiet żgħar ta' ossidi oħrajn miżjudin qabel it-tqħaqqid ma' trab bis-sħana u kemm jekk le; ossidu tal-manjesju ieħor, pur jew le:**		
2519 10 00	**– Karbonat ta' manjesju naturali (*magnesite*)**	B'xejn	—
2519 90	**– Oħrajn:**		
2519 90 10	– – Ossidu tal-manjesju, ħlief karbonat ta' manjesju naturali magħmul ġir	1,7	—
2519 90 30	– – Oħrajn	B'xejn	—
2519 90 90	– – Oħrajn	B'xejn	—
2520	**Ġibs; anidride; ġibs għall-kisi (jikkonsisti f'ġibs magħmul ġir jew sulfat tal-kalċju) kemm jekk ikkulurit u kemm jekk le, bi kwantitajiet żgħar ta' sustanzi li jgħaġġlu jew li jdewwmu l-proċess jew mingħajrhom:**		
2520 10 00	**– Ġibs; anidride**	B'xejn	—
2520 20 00	**– Ġibs għall-kisi**	B'xejn	—
2521 00 00	***Flux* tal-ġebla tal-franka; ġebla tal-franka u ġebel kalkaruż ieħor, tat-tip użat fil-manifattura ta' ġir jew siment**	B'xejn	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
2522	**Ġir verġni, ġir imħallat bl-ilma u ġir idrawliku, barra ossidu u idrossidu tal-kalċju ta' titlu 2825:**		
2522 10 00	**– Ġir verġni**	1,7	—
2522 20 00	**– Ġir imħallat bl-ilma**	1,7	—
2522 30 00	**– Ġir idrawliku**	1,7	—
2523	**Siment ta' Portland, siment ta' l-allumi, siment li għandu mill-gagazza, siment sulfru eċċezzjonali u siment idrawliku simili, kemm jekk ikkulurit jew fil-forma ta' gagazza u kemm jekk le:**		
2523 10 00	**– Gagazza tas-simenti**	1,7	—
	– Siment ta' Portland:		
2523 21 00	**– – Siment abjad, kemm jekk ikkulurit b'mod artifiċjali u kemm jekk le**	1,7	—
2523 29 00	**– – Oħrajn**	1,7	—
2523 30 00	**– Siment ta' l-allumi**	1,7	—
2523 90 00	**– Siment idrawliku ieħor**	1,7	—
2524	**Asbestos:**		
2524 10 00	**– *Crocidolite***	B'xejn	—
2524 90 00	**– Oħrajn**	B'xejn	—
2525	**Majka, inklużi qasmiet; skart tal-majka:**		
2525 10 00	**– Majka mhux irfinata u majka maqsuma f'folji jew f'qasmiet**	B'xejn	—
2525 20 00	**– Trab tal-majka**	B'xejn	—
2525 30 00	**– Skart tal-majka**	B'xejn	—
2526	***Steatite* naturali, kemm jekk mirqum mingħajr finezza jew sempliċiment maqtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża kwadra) u kemm jekk le; terra:**		
2526 10 00	**– Mhux imfarrak, mhux miṫħun**	B'xejn	—
2526 20 00	**– Imfarrak jew miṫħun**	B'xejn	—
[2527]			
★ **2528 00 00**	**Borati naturali u konċentrati tagħhom (kemm jekk magħmulin ġir u kemm jekk le), iżda li ma jinkludux borati separati minn ilma mielaħ naturali; aċidu boriku naturali li fih aktar minn 85 % ta' H_3BO_3 ikkalkulat fuq piż xott**	B'xejn	—
2529	**Feldspar; lewċite; nefelina u sijenit tan-nefelina; fluworuspar:**		
2529 10 00	**– Feldspar**	B'xejn	—
	– Fluworuspar:		
2529 21 00	**– – Li fih bil-piż 97 % jew inqas ta' fluworidu tal-kalċju**	B'xejn	—
2529 22 00	**– – Li fih bil-piż iżjed minn 97 % ta' fluworidu tal-kalċju**	B'xejn	—
2529 30 00	**– Lewċite; nefelina u sijenit tan-nefelina**	B'xejn	—
2530	**Sustanzi minerali mhux speċifikati jew inklużi band'oħra:**		
2530 10 00	**– Vermikulit, perlit u kloriti, mhux espanduti**	B'xejn	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
2530 20 00	– **Kjeserit, epsomit (sulfati ta' manjesju naturali)**	B'xejn	—
2530 90 00	– **Oħrajn**	B'xejn	—

KAPITLU 26

MINERALI (*ORES*), GAGAZZA U RMIED

Noti

1. Dan il-kapitlu ma jkoprix:

   (a) gagazza jew skart industrijali simili mħejji bħala makadam (titlu 2517);

   (b) karbonat ta' manjesju naturali (*magnesite*), kemm jekk magħmul ġir kif le (titlu 2519);

   (ċ) tjun mit-tankijiet ta' ħażna ta' żjut minerali (*petroleum*), li jikkonsistu prinċipalment minn dawn iż-żjut (titlu 2710);

   (d) gagazza bażika ta' Kapitlu 31;

   (e) suf tal-gagazza, suf tal-blat jew suf minerali simili (titlu 6806);

   (f) skart jew ruttam ta' metall prezzjuż jew ta' metall miksi b'metall prezzjuż; skart jew ruttam ieħor li fih metall prezzjuż jew komposti ta' metall prezzjuż, ta' kwalità użata prinċipalment biex ikun irkuprat metall prezzjuż (titlu 7112); jew

   (g) taħlit (*mattes*) ta' ram, nikil jew kobalt magħmulin minn xi proċess ta' tidwib (Taqsima XV).

2. Għall-għanijiet ta' titli 2601 sa 2617, it-termini "minerali (*ores*)" jfissru minerali ta' speċi mineraloġiċi attwalment użati fl-industrija tal-metallurġija għall-estrazzjoni ta' merkurju, tal-metalli ta' titlu 2844 jew tal-metalli ta' Taqsima XIV jew XV, anke jekk huma maħsubin għal għanijiet mhux metallurġiċi. Titli 2601 sa 2617 ma jinkludux, iżda, minerali li kienu sottomessi għal proċessi mhux normali fl-industrija metallurġika.

3. Titlu 2620 japplika biss għal:

   (a) gagazza, irmied u fdal ta' kwalità użata fl-industrija jew għall-estrazzjoni ta' metalli jew bħala bażi għall-manifattura ta' komposti kemikali ta' metalli, eskluži rmied u fdal mill-ħruq ta' skart muniċipali (titli 2621); u

   (b) gagazza, irmied u fdal li fihom arseniku, kemm jekk fihom metalli kif le, ta' kwalità użata jew għall-estrazzjoni ta' arseniku jew metalli jew għall-manifattura tal-komposti kemikali tagħhom.

Noti għas-subtitli

1. Għall-għanijiet ta' titlu 2620 21, "tjun biċ-ċomb tal-gażolina u tjun biċ-ċomb ta' komposti kontra l-ħsejjes bl-iskossi (*anti-knock*)" ifissru tjun miksubin minn tankijiet tal-ħażna ta' gażolina biċ-ċomb u ta' komposti biċ-ċomb kontra l-ħsejjes bl-iskossi (per eżempju, ċomb tetraetil), u jikkonsistu essenzjalment minn ċomb, komposti taċ-ċomb u ossidu tal-ħadid.

2. Gagazza, irmied u fdal li fihom arseniku, merkurju, tallju jew taħlitiet tagħhom, ta' kwalità użata għall-estrazzjoni ta' arseniku jew ta' dawk il-metalli jew għall-manifattura tal-komposti kemikali tagħhom, għandhom ikunu klassifikati fis-subtitlu 2620 60.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
2601	**Minerali u konċentrati tal-ħadid, inklużi pirite tal-ħadid inkaljati:**		
	– Minerali u konċentrati tal-ħadid, ħlief pirite tal-ħadid inkaljati:		
2601 11 00	**– – Mhux mgħaqqdin**	B'xejn	—
2601 12 00	**– – Mgħaqqdin**	B'xejn	—
2601 20 00	**– Pirite tal-ħadid inkaljati**	B'xejn	—
2602 00 00	**Minerali u konċentrati tal-manganiż, inklużi minerali u konċentrati ta' manganiż ferruġinuż, b'kontenut ta' manganiż ta' 20 % jew iktar, kalkulat fuq il-piż xott**	B'xejn	—
2603 00 00	**Minerali u konċentrati tar-ram**	B'xejn	—
2604 00 00	**Minerali u konċentrati tan-nikil**	B'xejn	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
2605 00 00	**Minerali u konċentrati tal-kobalt**	B'xejn	—
2606 00 00	**Minerali u konċentrati ta' l-aluminju**	B'xejn	—
2607 00 00	**Minerali u konċentrati taċ-ċomb**	B'xejn	—
2608 00 00	**Minerali u konċentrati taż-żingu**	B'xejn	—
2609 00 00	**Minerali u konċentrati tal-landa**	B'xejn	—
2610 00 00	**Minerali u konċentrati tal-kromju**	B'xejn	—
2611 00 00	**Minerali u konċentrati tat-tungstenu**	B'xejn	—
2612	**Minerali u konċentrati ta' l-uranju u tat-torju:**		
2612 10	– **Minerali u konċentrati ta' l-uranju:**		
2612 10 10	– – Minerali u piċblend ta' l-uranju, u konċentrati tagħhom, b'kontenut ta' uranju ta' aktar minn 5 % tal-piż (*Ewratom*)	B'xejn	—
2612 10 90	– – Oħrajn	B'xejn	—
2612 20	– **Minerali u konċentrati tat-torju:**		
2612 20 10	– – Monażit; urano-torjanit u minerali u konċentrati oħrajn tat-torju, b'kontenut ta' torju aktar minn 20 % tal-piż (*Ewratom*)	B'xejn	—
2612 20 90	– – Oħrajn	B'xejn	—
2613	**Minerali u konċentrati tal-molibdenum:**		
2613 10 00	– **Inkaljati**	B'xejn	—
2613 90 00	– **Oħrajn**	B'xejn	—
2614 00 00	**Minerali u konċentrati tat-titanju**	B'xejn	—
2615	**Minerali u konċentrati tan-niobju, tantalu, vanadju jew żirkonju:**		
2615 10 00	– **Minerali u konċentrati taż-żirkonju**	B'xejn	—
2615 90 00	– **Oħrajn**	B'xejn	—
2616	**Minerali u konċentrati ta' metalli prezzjużi:**		
2616 10 00	– **Minerali u konċentrati tal-fidda**	B'xejn	—
2616 90 00	– **Oħrajn**	B'xejn	—
2617	**Minerali u konċentrati oħrajn:**		
2617 10 00	– **Minerali u konċentrati ta' l-antimonju**	B'xejn	—
2617 90 00	– **Oħrajn**	B'xejn	—
2618 00 00	**Gagazza mfarrka (ramel tal-gagazza) mill-manifattura tal-ħadid jew l-azzar**	B'xejn	—
2619 00	**Gagazza, rmixk tal-metalli (ħlief gagazza mfarrka), qxur u skart ieħor mill-manifattura tal-ħadid jew l-azzar:**		
2619 00 20	– Skart tajjeb għall-irkupru tal-ħadid jew manganiż	B'xejn	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
2619 00 90	– Oħrajn	B'xejn	—
2620	**Gagazza, irmied u fdal (ħlief mill-manifattura tal-ħadid jew ta' l-azzar), li fihom metalli, arseniku jew il-komposti tagħhom:**		
	– Li fihom l-aktar żingu:		
2620 11 00	– – **Żingu iebes mhux pur (*spelter*)**	B'xejn	—
2620 19 00	– – **Oħrajn**	B'xejn	—
	– Li fihom l-aktar ċomb:		
2620 21 00	– – **Tjun biċ-ċomb tal-gażolina u tjun biċ-ċomb ta' komposti kontra l-ħsejjes bl-iskossi (*anti-knock*)**	B'xejn	—
2620 29 00	– – **Oħrajn**	B'xejn	—
2620 30 00	**– Li fihom l-aktar ram**	B'xejn	—
2620 40 00	**– Li fihom l-aktar aluminju**	B'xejn	—
2620 60 00	**– Li fihom arseniku, merkurju, tallju jew taħlitiet tagħhom, ta' kwalità użata għall-estrazzjoni ta' l-arseniku jew dawk il-metalli jew għall-manifattura tal-komposti kemikali tagħhom**	B'xejn	—
	– Oħrajn:		
2620 91 00	– – **Li fihom antimonju, berillju, kadmju, kromju jew taħlitiet tagħhom**	B'xejn	—
2620 99	– – **Oħrajn:**		
2620 99 10	– – – Li fihom l-aktar nikil	B'xejn	—
2620 99 20	– – – Li fihom l-aktar niobju u tantalu	B'xejn	—
2620 99 40	– – – Li fihom l-aktar landa	B'xejn	—
2620 99 60	– – – Li fihom l-aktar titanju	B'xejn	—
2620 99 95	– – – Oħrajn	B'xejn	—
2621	**Gagazza u rmied oħrajn, inklużi rmied ta' l-alka (*kelp*); irmied u fdal mill-ħruq ta' skart muniċipali:**		
2621 10 00	**– Irmied u fdal mill-ħruq ta' skart muniċipali**	B'xejn	—
2621 90 00	**– Oħrajn**	B'xejn	—

KAPITLU 27

KARBURANTI MINERALI, ŻJUT MINERALI U PRODOTTI TAD-DISTILLAZZJONI TAGĦHOM; SUSTANZI BITUMINUŻI; XEMGĦAT MINERALI

Noti

1. Dan il-kapitlu ma jkoprix:

   (a) komposti organiċi definiti kemikament, ħlief metanu u propan li għandhom ikunu klassifikati f'titlu 2711;

   (b) medikamenti ta' titlu 3003 jew 3004; jew

   (ċ) idrokarboni mħalltin mhux saturati ta' titlu 3301, 3302 jew 3805.

2. Riferenzi f'titlu 2710 għal "żjut minerali (*petroleum*) u żjut miksubin minn minerali bituminużi" jinkludu mhux biss żjut minerali (*petroleum*) u żjut miksubin minn minerali bituminużi iżda wkoll żjut simili, kif ukoll dawk li jikkonsistu l-aktar f'idrokarboni mħalltin mhux saturati, miksubin b'kull proċess, sakemm il-piż tal-kostitwenti mhux aromatiċi jaqbeż dak tal-kostitwenti aromatiċi.

   Iżda, ir-riferenzi ma jinkludux poliolefini likwidi sintetiċi li minnhom anqas minn 60 % tal-volum jiddistilla fi 300 °Ċ, wara konverżjoni għal 1 013 mbar meta jkun użat metodu ta' distillazzjoni bi pressjoni mnaqqsa (Kapitlu 39).

3. Għall-għanijiet ta' titlu 2710, "żjut skart" tfisser skart li jikkonsisti l-aktar fi żjut minerali u fi żjut miksubin minn minerali bituminużi (kif spjegat f'nota 2 għal dan il-kapitlu), imħalltin bl-ilma jew le. Dawn jinkludu:

   (a) dawk iż-żjut li m'għadhomx tajbin għall-użu bħala prodotti primarji (per eżempju, żjut lubrikanti użati, żjut idrawliċi użati u żjut tat-transformer użati);

   (b) żjut tjun mit-tankijiet tal-ħażna ta' żjut minerali, l-aktar li jkun fihom dawn iż-żjut u koċentrazzjoni qawwija ta' addittivi (per eżempju, kimiċi) użati fil-manifattura ta' prodotti primarji; u

   (ċ) dawk iż-żjut f'forma ta' emulsjonijiet fl-ilma jew taħlit bl-ilma, bħalma huwa dawk li jirriżultaw minn tixrid ta' żejt, ħasil ta' tankijiet tal-ħażna, jew mill-użu ta' żjut tal-qtugħ għal operazzjonijiet bil-makkinarju.

Noti għas-subtitli

1. Għall-għanijiet ta' subtitlu 2701 11, "antraċite" tfisser faħam b'limitu ta' materjal volatili (fuq bażi xotta, ħielsa-minn-materjal-minerali) mhux aktar minn 14 %.

2. Għall-għanijiet ta' subtitlu 2701 12, "faħam bituminuż" tfisser faħam b'limitu ta' materjal volatili (fuq bażi xotta, ħielsa-minn-materjal-minerali) mhux aktar minn 14 % u b'limitu ta' valur kalorifiku (fuq bażi niedja, ħielsa-minn-materjal-minerali) ta' 5 833 kcal/kg jew aktar.

3. Għall-għanijiet ta' subtitli 2707 10, 2707 20, 2707 30 u 2707 40, it-termini "benżol (benżina)", "toluol (toluwana)", "ksilol (ksilini)", u "naftalina" japplikaw għal prodotti li għandhom aktar minn 50 % tal-piż ta' benżina, toluwana, ksilini jew naftalina, rispettivament.

4. Għall-għanijiet ta' subtitlu 2710 12, "żjut ħfief u preparazzjonijiet" huma dawk li minnhom 90 % jew aktar tal-volum (inkluż telf) jiddistilla f'210 °Ċ (metodu ASTM D 86).

5. Għall-iskopijiet tas-subintestaturi ta' intestatura 2710, it-terminu "bijodiżil" ifisser esteri monoalkali ta' aċidi xaħmin tat-tip li jintuża bħala fjuwil, idderivati minn xaħmijiet tal-annimali jew xaħmijiet veġetali u żjut kemm jekk jintużaw kif ukoll jekk le.

Noti addizzjonali [1]

1. Għall-għanijiet ta' subtitlu 2707 99 80, it-terminu "fenoli" japplika għal prodotti li għandhom aktar minn 50 % tal-piż ta' fenoli.

2. Għall-għanijiet ta' titlu 2710:

(a) "spirti speċjali" (subtitli 2710 12 21 u 2710 12 25) tfisser żjut ħfief kif definiti f'nota għas-subtitli 4 għal dan il-kapitlu, li ma jkunx fihom xi preparazzjonijiet kontra ħsejjes minn skossi, u b'differenza ta' mhux aktar minn 60 °Ċ bejn it-temperaturi li fihom 5 % u 90 % tal-volum (inkluż telf) jiddistillaw;

[1] Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, il-kelma "metodu" tfisser l-aħħar verżjoni tal-metodi ta' diterminazzjoni imniżżla mill-Comité européen de normalisation (CEN), mill-International Standardisation Organisation (ISO) jew mill-American Society for Testing and Materials (ASTM).

(b) "spirtu abjad" (subtitlu 2710 12 21) ifisser spirti speċjali kif definiti f'paragrafu (a) fuq bi flash-point ogħla minn 21 °Ċ bil-metodu EN ISO 13736;

(ċ) "żjut medji" (subtitli 2710 19 11 sa 2710 19 29) jfissru żjut u preparazzjonijiet li minnhom inqas minn 90 % tal-volum (inkluż telf) jiddistilla f'210 °Ċ u 65 % jew iktar tal-volum (inkluż telf) jiddistilla f'250 °Ċ (metodu ISO 3405, ekwivalenti għall-metodu ASTM D 86);

(d) "żjut ħoxnin" (subtitli 2710 19 31sa 2710 19 99 u 2710 20 11 sa 2710 20 90) ifissru żjut u preparazzjonijiet li minnhom inqas minn 65 % tal-volum (inkluż telf) jiddistilla f'250 °Ċ bil-metodu ISO 3405 (ekwivalenti għall-metodu ASTM D 86) jew li minnhom il-perċentwali ta' distillazzjoni f'250 °Ċ ma tistax tkun stabbilita b'dak il-metodu;

(e) "żjut tal-gass" (subtitli 2710 19 31 sa 2710 19 48 u 2710 20 11 sa 2710 20 19) ifissru żjut ħoxnin kif speċifikat f'paragrafu (d) fuq li minnhom 85 % jew aktar tal-volum (inkluż telf) jiddistilla fi 350 °Ċ (ISO 3405, ekwivalenti għall-metodu ASTM D 86);

(f) "żjut karburanti" (subtitli 2710 19 51 sa 2710 19 68 u 2710 20 31 sa 2710 20 39) ifissru żjut ħoxnin kif speċifikati f'paragrafu (d) fuq (ħlief żjut tal-gass kif speċifikati f'paragrafu (e)) li, għal kulur korrespondenti dilwit Ċ, għandhom viskożità V:

— *li ma taqbiżx dik li tidher f'linja I tat-tabella li ġejja meta l-kontenut ta' rmied sulfatat huwa inqas minn 1 % bil-metodu ISO 3987 u l-indiċi ta' saponifikazzjoni huwa inqas minn 4 [1] bil-metodu ISO 6293-1 jew bil-metodu ISO 6293-2,*

— *li jaqbeż dak muri f'linja II meta l-punt ta' tferriegħ mhuwiex inqas minn 10 °Ċ bil-metodu ISO 3016,*

— *li jaqbeż dak muri f'linja I iżda ma jaqbiżx dak muri f'linja II 25 % jew aktar tal-volum jiddistilla fi 300 °Ċ bil-metodu ISO 3405 (ekwivalenti għall-metodu ASTM D 86) jew, jekk inqas minn 25 % tal-volum jiddistilla fi 300 °Ċ, meta l- punt ta' tferriegħ ikun ogħla minn 10 °Ċ taħt iż-żero bil-metodu ISO 3016. Dawn il-provvedimenti japplikaw biss għal żjut li għandhom kulur dilwit Ċ anqas minn 2.*

Tabella ta' konkordanza ta' kulur dilwit Ċ/viskożità V

Kulur Ċ		*0*	*0,5*	*1*	*1,5*	*2*	*2,5*	*3*	*3,5*	*4*	*4,5*	*5*	*5,5*	*6*	*6,5*	*7*	*7,5 and above*
Viskożita' V	*I*	*4*	*4*	*4*	*5,4*	*9*	*15,1*	*25,3*	*42,4*	*71,1*	*119*	*200*	*335*	*562*	*943*	*1 580*	*2 650*
	II	*7*	*7*	*7*	*7*	*9*	*15,1*	*25,3*	*42,4*	*71,1*	*119*	*200*	*335*	*562*	*943*	*1 580*	*2 650*

It-terminu "viskożità V" ifisser il-viskożità kinematika f'50 °Ċ espressa f'10^{-6} m^2 s^{-1} bil-metodu EN ISO 3104.

It-terminu "kulur dilwit Ċ" ifisser il-kulur ta' prodott, kif iffissat bil-metodu ASTM D 1 500, wara li parti waħda minn dan il-prodott tkun ħalltet ma' 100 parti bil-volum ta' ksilin, toluwina, jew kwalunkwe solvent xieraq ieħor. Il-kulur għandu jkun stabbilit immedjatament wara t-tħalita.

Subtitli 2710 19 51 sa 2710 19 68 u 2710 20 31 sa 2710 20 39 ikopru biss żjut karburanti b'kulur naturali.

Dawn is-subtitli ma jkoprux żjut ħoxnin imsemmijin f'paragrafu (d) fuq li għalihom mhux possibbli jkun determinat:

— *il-perċentwali ta' distillazzjoni f'250 °Ċ bil-metodu ISO 3405, ekwivalenti għall-metodu ASTM D 86 (żero għandu jitqies bħala perċentwali),*

— *il-viskożità kinematika f'50 °Ċ bil-metodu EN ISO 3104,*

— *jew il-kulur dilwit Ċ bil-metodu ASTM D 1 500.*

Dawn il-prodotti jaqgħu f'subtitli 2710 19 71 sa 2710 19 99 jew 2710 20 90.

3. Għall-għanijiet ta' titlu 2712, l-espressjoni "vażelina mhux raffinata (crude petroleum jelly)" (subtitlu 2712 10 10) għandha tittieħed li tapplika għal vażelina ta' kulur naturali ogħla minn 4,5 bil-metodu ASTM D 1 500.

4. Għall-għanijiet ta' subtitli 2712 90 31sa 2712 90 39, it-terminu "mhux raffinat" għandu jittieħed li japplika għal prodotti:

(a) b'kontenut ta' żejt ta' 3,5 jew ogħla bil-metodu ISO 2908, jekk il-viskożità f'100 °Ċ hija iktar baxxa minn 9 × 10^{-6} m^2 s^{-1} bil-metodu EN ISO 3104; jew

(b) ta' kulur naturali ogħla minn 3 bil-metodu ASTM D 1 500, jekk il-viskożità tagħhom f'100 °Ċ hija 9 × 10^{-6} m^2 s^{-1} jew ogħla bil-metodu EN ISO 3104.

[1] Dan ma japplikax għal żjut karburanti bil- ta' subtitli 2710 20 31 sa 2710 20 39 li fihom il-FAME (Fatty Acid Metyl Esthers) li għandhom in-numru ta' saponifikazzjoni ogħla minn 4.

5. *Għall-għanijiet ta' titli 2710, 2711 u 2712, it-terminu "proċess speċifiku" għandu jittieħed li japplika għal dawn l-operazzjonijiet:*

(a) distillazzjoni f'vakwu;

(b) ridistillazzjoni bi proċess ta' frazzjonazzjoni b'ħafna reqqa;

(ċ) xpakkar;

(d) riformazzjoni.

(e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinkorpora dawn l-operazzjonijiet kollha: ipproċessar b'aċtu sulfuriku konċentrat, anidride oleu jew sulfurika; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur jew purifikazzjoni bi trab naturali attiv, trab attivat, faħam tal-kannol jew boksajt attivat;

(g) polimerizzazzjoni;

(h) alkilazzjoni;

(ij) isomerizzazzjoni;

(k) (rigward il-prodotti ta' subtitli 2710 19 31 sa 2710 19 99 biss) desulfurizzazzjoni bl-idroġenu li tirriżulta fi tnaqqis ta' għallinqas 85 % tal-kontenut sulfuriku tal-prodotti proċessati (il-metodu EN ISO 20846, EN ISO 20884 jew EN ISO 14596 jew EN ISO 24260, EN ISO 20847 u EN ISO 8754);

(l) (rigward prodotti ta' titlu 2710 biss) deparaffinar bi proċess li mhuwiex filtrar;

(m) (rigward prodotti ta' subtitli 2710 19 31 sa 2710 19 99 biss) trattament bl-idroġenu bi pressjoni ogħla minn 20 bar u temperatura ogħla minn 250 °Ċ bl-użu ta' katalist, ħlief biex issir desulfurizzazzjoni, meta l-idroġenu jikkostitwixxi element attiv f'reazzjoni kimika. It-trattament ulterjuri bl-idroġenu ta' żjut lubrikanti ta' subtitli 2710 19 71 sa 2710 19 99 (e.g. irfinar bl-idroġenu (hydrofinishing) jew tneħħija ta' kulur) biex, l-aktar, jittejjeb il-kulur jew l-istabilità m'għandux, iżda, jitqies li huwa proċess speċifiku;

(n) (rigward prodotti ta' subtitli 2710 19 51 sa 2710 19 68 biss) distillazzjoni atmosferika, b'kundizzjoni li inqas minn 30 % ta' dawn il-prodotti tiddistilla, bil-volum, inkluż telf, f'300 °Ċ bil-metodu ISO 3405 (ekwivalenti għall-metodu ASTM D 86). Jekk 30 % jew aktar bil-volum, inkluż telf, ta' dawn il-prodotti jiddistilla f'300 °Ċ bil-metodu ISO 3405 (ekwivalenti għall-metodu ASTM D 86), il-kwantitajiet ta' prodotti li jistgħu jinkisbu matul id-distillazzjoni atmosferika u li jaqgħu f'subtitli 2710 12 11 sa 2710 12 90 jew 2710 19 11 sa 2710 19 29 għandhom ikunu dazjabbli bl-istess rati bħal dawk stipulati f'subtitli 2710 19 62 sa 2710 19 68 skond il-kwalità u l-valur tal-prodotti użati u fuq il-piż nett tal-prodotti miksubin. Din ir-regola ma tapplikax għal prodotti hekk akkwistati li, fi żmien sitt xhur u suġġetti għal dawk il-kundizzjonijiet l-oħrajn kif ikun stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti, għandhom jgħaddu minn proċess speċifiku jew minn trasformazzjoni kimika bi proċess li mhuwiex proċess speċifiku;

(o) (rigward prodotti ta' subtitli 2710 19 71 sa 2710 19 99 biss) trattament permess ta' skarga elettrika (brush discharge) ta' frekwenza għolja;

(p) biss għal prodotti ta' subtitlu 2712 90 31: tneħħija taż-żejt bi kristallizzazzjoni frazzjonali.

Jekk ikun meħtieġ xi trattament preparatorju qabel it-trattamenti msemmija hawn fuq minħabba ħtiġijiet tekniċi, l-eżenzjoni tad-dwana tapplika biss għall-kwantitajiet tal-prodotti intenzjonati u attwalment suġġetti għal dawn it-trattamenti msemmijin fuq; xi prodotti ta' skart li jinqalgħu matul it-trattament preparatorju għandhom huma ukoll ikunu eżenti mid-dazju tad-dwana.

      (3) estratti veġetali sempliċi ta' titlu 1302, sempliċiment standardizzati jew maħlulin f'xi solvent;

   (b) bħala prodotti li kienu mħalltin:

      (1) soluzzjonijiet u sospensjonijiet kollojdali (ħlief kubrit kollojdali);

      (2) estratti veġetali miksubin mit-trattament ta' taħlitiet ta' materjali veġetali; u

      (3) melħ u konċentrati miksubin mill-evaporazzjoni ta' ilma minerali naturali.

4. Titlu 3006 japplika biss għall-dawn, li għandhom ikunu kklassifikati f'dak it-titlu u f'ebda titlu ieħor tan-nomenklatura:

   (a) ketgut kirurġika sterili, materjali simili sterili għas-sutura (inklużi ħjut kirurġiċi jew dentali sterili li jistgħu jkunu assorbabbli) u adeżivi sterili tat-tessut li jintużaw sabiex jingħalqu feriti fil-kirurġija;

   (b) laminarja sterili u tampuni sterili ta' laminarja;

   (ċ) emostatiċi sterili assorbabbili kirurġiċi jew dentali; protezzjoni sterili kirurġika jew dentali kontra t-twaħħil kemm jekk assorbabbli jew le;

   (d) preparazzjonijiet biex itappnu għal eżamijiet bir-raġġi-X u reaġenti diagnostiċi ddisinjati biex jingħataw lill-pazjent, li jkunu prodotti mhux imħalltin ippreżentati f'doži mkejlin jew prodotti magħmulin minn żewġ ingredjenti jew aktar li tħalltu flimkien għal dawn l-użi;

   (e) reaġenti għall-iggruppar tad-demm;

   (f) simenti dentali u mili ieħor dentali; simenti għar-rikostruzzjoni ta' għadam;

   (g) kaxxi u settijiet ta' għajnuna medika (*first aid*);

   (h) preparazzjonijiet kimiċi kontraċettivi bbażati fuq ormoni, fuq prodotti oħrajn ta' titlu 2937 jew fuq spermiċidi;

   (ij) preparazzjonijiet ta' ġel maħsubin għal użu ta' mediċina umana jew veterinarja bħala lubrikant għal partijiet tal-ġisem għal operazzjonijiet kirurġiċi jew eżamijiet fiżiċi jew bħala aġent għal akkoppjar bejn il-ġisem u strumenti mediċi;

(k) farmaċewtiċi skart, jiġifieri, prodotti farmaċewtiċi li mhumiex tajbin għall-għan oriġinali maħsubin għalih minħabba, per eżempju, skadenza taż-żmien tagħhom; u

(l) strumenti identifikabbli għall-użu fl-ostjomija, jiġifieri, boroż tal-kolostjomija, l-ileostjomija u l-urostjomija maqtugħin f'forom u l-folji jew il-plakek frontali adeżivi tagħhom.

Nota addizzjonali:

1. *Titlu 3004 jinkludi preparazzjonijiet mediċinali mill-ħxejjex u preparazzjonijiet ibbażati fuq dawn is-sustanzi attivi: vitamini, minerali, aminoaċti jew aċti-grassi essenzjali, f'pakki għal bejgħ bl-imnut. Dawn il-preparazzjonijiet huma kklassifikati f'titlu 3004 jekk ikollhom fuq it-tabella, fuq il-pakkett jew fl-istruzzjonijiet għal min jużahom li jkunu magħhom dawn l-istqarrijiet dwar:*

(a) il-mard speċifiku, uġigħ jew is-sintomi tagħhom li għalihom għandu jintuża l-prodott;

(b) il-konċentrazzjoni ta' sustanza jew sustanzi attivi li jinsabu fihom;

(ċ) doża; u

(d) mod ta' applikazzjoni.

Dan it-titlu jinkludi preparazzjonijiet mediċinali omeopatiċi meta dawn josservaw il-kundizzjonijiet ta' (a), (ċ) u (d).

Fil-każ ta' preparazzjonijiet bbażati fuq vitamini, minerali, amino-aċti jew aċti-grassi essenzjali, il-livell ta' waħda minn dawn is-sustanzi għal kull doża irrikmandata kuljum indikata fuq it-tabella għandu jkun ogħla sewwa mill-konċessjoni irrikmandata kuljum biex tinżamm is-saħħa jew il-benesseri ġenerali.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3001	**Glandoli u organi oħrajn għal użi organo-terapewtiċi, imnixxfin, magħmulin trab jew le; estratti ta' glandoli jew organi oħrajn jew tat-tnixxijiet tagħhom għal użi organo-terapewtiċi; ħeparina u l-melħ tagħha; sustanzi oħrajn umani jew annimali ppreparati għal użi terapewtiċi jew profilattiċi, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:**		
3001 20	– **Estratti ta' glandoli jew organi oħrajn jew tat-tnixxijiet tagħhom:**		
3001 20 10	– – Ta' oriġni umana	B'xejn	—
3001 20 90	– – Oħrajn	B'xejn	—
3001 90	– **Oħrajn:**		
3001 90 20	– – Ta' oriġni umana	B'xejn	—
	– – Oħrajn:		
3001 90 91	– – – Ħeparina u l-melħ tagħha	B'xejn	—
3001 90 98	– – – Oħrajn	B'xejn	—
3002	**Demm uman; demm ta' annimali ppreparat għal użi terapewtiċi, profilattiċi jew dijanjostiċi; antisera u frazzjonijiet oħrajn tad-demm u prodotti immunoloġiċi modifikati, miksubin permezz ta' proċessi bijoteknoloġiċi jew le; vaċċini, tossini, kolturi ta' mikro-organiżmi (ħlief ħmira) u prodotti simili:**		
3002 10	– **Antisera u frazzjonijiet oħrajn tad-demm u prodotti immunoloġiċi modifikati, miksubin permezz ta' proċessi bijoteknoloġiċi jew le:**		
■ **3002 10 10**	– – Antisera	B'xejn	—
	– – Oħrajn:		
■ **3002 10 91**	– – – Emoglobina, globulini tad-demm u globulini tas-serum	B'xejn	—
	– – – Oħrajn:		
■ **3002 10 95**	– – – – Ta' oriġni umana	B'xejn	—
■ **3002 10 99**	– – – – Oħrajn	B'xejn	—
■ **3002 20 00**	– **Vaċċini għal mediċina umana**	B'xejn	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3002 30 00	**– Vaċċini għal mediċina veterinarja**	B'xejn	—
3002 90	**– Oħrajn:**		
3002 90 10	– – Demm uman	B'xejn	—
3002 90 30	– – Demm tal annimali ppreparat għal użi terapewtiċi, profilattiċi jew dijanjostiċi	B'xejn	—
3002 90 50	– – Kolturi ta' mikro-organiżmi	B'xejn	—
■ **3002 90 90**	– – Oħrajn	B'xejn	—
3003	**Medikamenti (ħlief oġġetti ta' titlu 3002, 3005 jew 3006) li jikkonsistu f'żewġ kostitwenti jew aktar li ħalltu flimkien għal użi terapewtiċi jew profilattiċi, mhux ippreżentati f'doża meqjusin jew f'forom jew f'pakki għal bejgħ bl-imnut:**		
3003 10 00	**– Li fihom peniċillini jew derivattivi tagħhom, bi struttura ta' aċtu peniċillaniku, jew streptomiċini jew derivattivi tagħhom**	B'xejn	—
3003 20 00	**– Li fihom antibijotiċi oħrajn**	B'xejn	—
	– Li fihom ormoni jew prodotti oħrajn ta' titlu 2937 iżda ma fihomx antibijotiċi:		
3003 31 00	**– – Li fihom insulina**	B'xejn	—
3003 39 00	**– – Oħrajn**	B'xejn	—
3003 40 00	**– Li fihom alkalojdi jew derivattivi tagħhom iżda ma fihomx ormoni jew prodotti oħrajn ta' titlu 2937 jew antibijotiċi**	B'xejn	—
3003 90 00	**– Oħrajn**	B'xejn	—
3004	**Medikamenti (ħlief oġġetti ta' titlu 3002, 3005 jew 3006) li jikkonsistu fi prodotti mħalltin jew mhux imħalltin għal użi terapewtiċi jew profilattiċi, ippreżentati f'doża meqjusin (inklużi dawk f'forma ta' sistemi li jingħataw mill-ġilda (transdermali)) jew f'forom jew f'pakki għal bejgħ bl-imnut:**		
3004 10 00	**– Li fihom peniċillini jew derivattivi tagħhom, bi struttura ta' aċtu peniċillaniku, jew streptomiċini jew derivattivi tagħhom**	B'xejn	—
3004 20 00	**– Li fihom antibijotiċi oħrajn**	B'xejn	—
	– Li fihom ormoni jew prodotti oħrajn ta' titlu 2937 iżda ma fihomx antibijotiċi:		
3004 31 00	**– – Li fihom insulina**	B'xejn	—
3004 32 00	**– – Li fihom ormoni kortikosterojdi, id-derivattivi jew l-analogi strutturali tagħhom**	B'xejn	—
3004 39 00	**– – Oħrajn**	B'xejn	—
3004 40 00	**– Li fihom alkalojdi jew derivattivi tagħhom iżda ma fihomx ormoni, prodotti oħrajn ta' titlu 2937 jew antibijotiċi**	B'xejn	—
3004 50 00	**– Medikamenti oħrajn li fihom vitamini jew prodotti oħrajn ta' titlu 2936**	B'xejn	—
■ **3004 90 00**	**– Oħrajn**	B'xejn	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3005	**Tajjar, garża, faxex u oġġetti simili (per eżempju, infaxxar, stikk li jeħel, ġbajjar), mimlijin jew miksijin b'sustanzi farmaċewtiċi jew ippreżentati f'forom jew f'pakki għal bejgħ bl-imnut għal għanijiet mediċi, kirurġiċi, dentali jew veterinarji:**		
3005 10 00	– **Infaxxar li jeħel u oġġetti oħrajn li għandhom saff li jeħel**	B'xejn	—
3005 90	– **Oħrajn:**		
3005 90 10	– – Tajjar u oġġetti ta' tajjar	B'xejn	—
	– – Oħrajn:		
	– – – Ta' materjali tessili:		
3005 90 31	– – – – Garża u oġġetti ta' garża	B'xejn	—
3005 90 50	– – – – Oħrajn	B'xejn	—
3005 90 99	– – – Oħrajn	B'xejn	—
3006	**Oġġetti farmaċewtiċi speċifikati f'nota 4 għal dan il-kapitlu:**		
3006 10	– **Ketgut kirurġika sterili, materjali simili sterili (inklużi ħjut kirurġiċi jew dentali sterili li jistgħu jkunu assorbabbli) u tessut sterili li jeħel għall-għeluq ta' feriti kirurġiċi; laminarja sterili u tampuni sterili ta' laminarja; emostatiċi sterili kirurġiċi jew dentali assorbabbili; protezzjonijiet sterili kirurġiċi jew dentali kemm jekk assorbabbli jew le:**		
3006 10 10	– – Ketgut kirurġika sterili	B'xejn	—
3006 10 30	– – Protezzjonijiet sterili kirurġiċi jew dentali kemm jekk assorbabbli jew le	6,5 (1)	—
3006 10 90	– – Oħrajn	B'xejn	—
3006 20 00	– **Reaġenti għall-iggruppar tad-demm**	B'xejn	—
3006 30 00	– **Preparazzjonijiet biex itappnu għal eżamijiet bir-raġġi-X; reaġenti dijanjostiċi ddisinjati biex jingħataw lill-pazjent**	B'xejn	—
3006 40 00	– **Simenti dentali u mili ieħor dentali; simenti għar-rikostruzzjoni ta' għadam**	B'xejn	—
3006 50 00	– **Kaxxi u settijiet ta' għajnuna medika**	B'xejn	—
★ **3006 60 00**	– **Preparazzjonijiet kimiċi kontraċettivi bbażati fuq ormoni, fuq prodotti oħrajn ta' titlu 2937 jew fuq spermiċidi**	B'xejn	—
3006 70 00	– **Preparazzjonijiet ta' ġel maħsubin għal użu ta' mediċina umana jew veterinarja bħala lubrikant għal partijiet tal-ġisem għal operazzjonijiet kirurġiċi jew eżamijiet fiżiċi jew bħala aġent għal akkoppjar bejn il-ġisem u strumenti mediċi**	6,5 (1)	—
	– **Oħrajn:**		
3006 91 00	– – **Strumenti identifikabbli għall-użu fl-ostjomija**	6,5 (1)	—
3006 92 00	– – **Farmaċewtiċi skart**	B'xejn	—

(1) Rata awtonoma ta' dazju: B'xejn.

KAPITLU 31

FERTILIZZANTI

Noti

1. Dan il-kapitlu ma jkoprix:

   (a) demm ta' annimali ta' titlu 0511;

   (b) komposti separati definiti kimikament (ħlief dawk li joqgħodu għad-deskrizzjonijiet f'nota 2 (a), 3 (a), 4 (a) jew 5 hawn taħt); jew

   (ċ) kristalli koltivati ta' klorur tal-potassju (ħlief elementi ottiċi) li jiżnu mhux inqas minn 2,5 g kull waħda, ta' titlu 3824; elementi ottiċi ta' klorur tal-potassju (titlu 9001).

2. Titlu 3102 japplika biss għal dawn l-oġġetti, sakemm ma jkunux ippreżentati fil-forom jew fil-pakki spjegati f'titlu 3105:

   (a) oġġetti li joqgħodu għal waħda jew oħra mid-deskrizzjonijiet t'hawn taħt:

      (1) nitrat tas-sodju, pur jew le

      (2) nitrat ta' l-ammonju, pur jew le;

      (3) melħ doppju, pur jew le, ta' sulfat ta' l-ammonju u ta' nitrat ta' l-ammonju;

      (4) sulfat ta' l-ammonju, pur jew le;

      (5) melħ doppju (pur jew le) jew taħlitiet ta' nitrat tal-kalċju u nitrat ta' l-ammonju;

      (6) melħ doppju (pur jew le) jew taħlitiet ta' nitrat tal-kalċju u nitrat tal-manjesju;

      (7) ċjanamid tal-kalċju, pur jew le jew trattat biż-żejt;

      (8) urea, pura jew le;

   (b) fertilizzanti magħmulin minn xi oġġetti deskritti f'(a) hawn fuq imħalltin flimkien;

   (ċ) fertilizzanti magħmulin minn klorur ta' l-ammonju jew minn xi ħaġa mill-oġġetti deskritti f'(a) jew (b) fuq imħalltin ma' ġibs, ġipsum jew ma' sustanzi oħrajn inorganiċi mhux-fertilizzanti;

   (d) fertilizzanti likwidi magħmulin mill-oġġetti f'subparagrafu (a) (2) jew (8) fuq, jew minn taħlitiet, f'soluzzjoni ta' ilma jew ammonjakali.

3. Titlu 3103 japplika biss għal dawn l-oġġetti, sakemm mhumiex ippreżentati f'forom jew f'pakki spjegati f'titlu 3105:

   (a) oġġetti li joqgħodu għal deskrizzjoni jew oħra t'hawn taħt:

      (1) gagazza bażika;

      (2) fosfati naturali ta' titlu 2510, kalċinati jew trattati bis-sħana aktar milli biex jitneħħew l-impuritajiet;

      (3) superfosfati (singli, doppji jew trippli);

      (4) ortofosfat ta' idroġenu tal-kalċju li fih mhux inqas minn 0,2% bil-piż ta' fluworin meqjus fuq il-prodott anidru xott;

   (b) fertilizzanti magħmulin minn xi ħaġa mill-oġġetti deskritti f'(a) imħalltin flimkien, iżda mingħajr kont tal-limitu ta' kontenut ta' fluworin;

   (ċ) fertilizzanti magħmulin minn xi ħaġa mill-oġġetti deskritti f'(a) jew f'(b) hawn fuq, iżda mingħajr kont tal-limitu ta' kontenut ta' fluworin, imħalltin ma' ġibs, ġipsum jew ma' sustanzi oħrajn inorganiċi mhux-fertilizzanti.

4. Titlu 3104 japplika biss għal dawn l-oġġetti, sakemm mhumiex ippreżentati f'forom jew f'pakki spjegati f'titlu 3105:

   (a) oġġetti li joqgħodu għal waħda jew aktar mid-deskrizzjonijiet mogħtijin taħt:

      (1) melħ tal-potassju naturali mhux maħdum (per eżempju, karnallit, kajnit u silvit);

      (2) klorur tal-potassju, pur jew le, ħlief kif stipulat f'nota 1 (ċ) fuq;

(3) sulfat tal-potassju, pur jew le;

(4) sulfat tal-potassju tal-manjesju, pur jew le;

(b) fertilizzanti li jikkonsistu f'xi ħaġa mill-oġġetti deskritti f'(a) fuq imħalltin flimkien.

5. Diidroġenortofosfat ta' l-ammonju (fosfat monammoniku) u idroġenortofosfat tad-diammonju (fosfat diammoniku), pur jew le, u taħlit flimkien tagħhom, għandhom ikunu klassifikati f'titlu 3105.

6. Għall-għanijiet ta' titlu 3105, it-terminu "fertilizzanti oħrajn" japplika biss għal prodotti ta' kwalita' użata bħala fertilizzanti u fihom, bħala kostitwent essenzjali, għallinqas wieħed mill-elementi fertilizzanti nitroġenu, fosfru jew potassju.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3101 00 00	**Fertilizzanti ta' annimali jew veġetali, imħalltin flimkien jew trattati kimikament jew le; fertlizzanti magħmulin bit-taħlit jew trattament kimiku ta' prodotti ta' annimali jew veġetali**	B'xejn	—
3102	**Fertilizzanti minerali jew kimiċi, nitroġeniċi:**		
3102 10	**– Urea, f'soluzzjoni ta' ilma jew le:**		
3102 10 10	– – Urea li fiha aktar minn 45 % tal-piż tal-prodott xott anidriku nitroġenu	6,5	kg N
3102 10 90	– – Oħrajn	6,5	kg N
	– Sulfat ta' l-ammonju; melħ doppju u taħlit ta' sulfat ta' l-ammonju u nitrat ta' l-ammonju:		
3102 21 00	– – **Sulfat ta' l-ammonju**	6,5	kg N
3102 29 00	– – **Oħrajn**	6,5	kg N
3102 30	**– Nitrat ta' l-ammonju; f'soluzzjoni ta' ilma jew le:**		
3102 30 10	– – F'soluzzjoni ta' ilma	6,5	kg N
3102 30 90	– – Oħrajn	6,5	kg N
3102 40	**– Taħlit ta' nitrat ta' l-ammonju ma' karbonat tal-kalċju jew ma' sustanzi oħrajn inorganiċi mhux fertilizzanti:**		
3102 40 10	– – B'kontenut ta' nitroġenu mhux aktar minn 28 % tal-piż	6,5	kg N
3102 40 90	– – B'kontenut ta' nitroġenu aktar minn 28 % tal-piż	6,5	kg N
3102 50	**– Nitrat tas-sodju:**		
3102 50 10	– – Nitrat tas-sodju naturali [1]	B'xejn	—
3102 50 90	– – Oħrajn	6,5	kg N
3102 60 00	**– Melħ doppju u taħlitiet ta' nitrat tal-kalċju u nitrat ta' l-ammonju**	6,5	kg N
3102 80 00	**– Taħlitiet ta' urea u nitrat ta' l-ammonju f'soluzzjoni ta' ilma jew ammonjakali**	6,5	kg N
3102 90 00	**– Oħrajn, inklużi taħlitiet mhux speċifikati fis-subtitli li għaddew**	6,5	kg N
3103	**Fertilizzanti minerali jew kimiċi, fosfatiċi:**		
3103 10	**– Superfosfati:**		
3103 10 10	– – Li fihom aktar minn 35 % tal-piż pentossidu tad-difosfru	4,8	kg P_2O_5
3103 10 90	– – Oħrajn	4,8	kg P_2O_5
3103 90 00	**– Oħrajn**	B'xejn	kg P_2O_5

[1] Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għal kundizzjonijiet stipulati f'Taqsima II, paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3104	**Fertilizzanti minerali jew kimiċi, potassiċi:**		
3104 20	**– Klorur tal-potassju:**		
3104 20 10	– – B'kontenut ta' potassju stmat bħala K_2O, bil-piż, mhux aktar minn 40 % tal-prodott xott anidriku	B'xejn	kg K_2O
3104 20 50	– – B'kontenut ta' potassju stmat bħala K_2O, bil-piż, aktar minn 40 % iżda mhux aktar minn 62 % tal-prodott xott anidriku	B'xejn	kg K_2O
3104 20 90	– – B'kontenut ta' potassju stmat bħala K_2O, bil-piż, aktar minn 62 % tal-prodott xott anidriku	B'xejn	kg K_2O
3104 30 00	**– Sulfat tal-potassju**	B'xejn	kg K_2O
3104 90 00	**– Oħrajn**	B'xejn	kg K_2O
3105	**Fertilizzanti minerali jew kimiċi li jkun fihom tnejn jew tlieta mill-elementi fertilizzanti nitroġenu, fosfru u potassju; fertilizzanti oħrajn; oġġetti ta' dan il-kapitlu f'għamla ta' bċejjeċ jew forom simili jew f'pakki ta' piż gross mhux aktar minn 10 kg:**		
3105 10 00	**– Oġġetti ta' dan il-kapitlu f'għamla ta' bċejjeċ jew forom simili jew f'pakki ta' piż gross mhux aktar minn 10 kg**	6,5	—
3105 20	**– Fertilizzanti minerali jew kimiċi li fihom it-tliet elementi fertilizzanti nitroġenu, fosfru u potassju:**		
★ **3105 20 10**	**– – B'kontenut ta' nitroġenu aktar minn 10 % tal-piż tal-prodott xott anidriku**	6,5	—
★ **3105 20 90**	– – Oħrajn	6,5	—
3105 30 00	**– Idroġenortofosfat diammoniku (fosfat ta' diammonju)**	6,5	—
3105 40 00	**– Idroġenortofosfat ammoniku (fosfat ta' monammonju) u taħlit tiegħu ma' idroġenortofosfat diammoniku (fosfat ta' diammonju)**	6,5	—
	– Fertilizzanti minerali jew kimiċi oħrajn li fihom iż-żewġ elementi fertilizzanti nitroġenu u fosfru:		
3105 51 00	**– – Li fihom nitrati u fosfati**	6,5	—
3105 59 00	**– – Oħrajn**	6,5	—
3105 60 00	**– Fertilizzanti minerali jew kimiċi li fihom iż-żewġ elementi fertilizzanti fosfru u potassju**	3,2	—
3105 90	**– Oħrajn:**		
3105 90 10	– – Nitrat naturali ta' sodju potassiku, magħmul minn taħlita naturali ta' nitrat tas-sodju u nitrat tal-potassju (il-proporzjon ta' nitrat tal-potassju jista' jkun għoli sa 44 %), b'kontenut totali ta' nitroġenu mhux aktar minn 16,3 % tal-piż tal-prodott xott anidriku [1]	B'xejn	—
	– – Oħrajn:		
3105 90 91	– – – B'kontenut ta' nitroġenu aktar minn 10 % tal-piż tal-prodott xott anidriku	6,5	—
3105 90 99	– – – Oħrajn	3,2	—

[1] Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għal kundizzjonijiet stipulati f'Taqsima II, paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari.

KAPITLU 32

ESTRATTI GĦALL-IKKUNZAR JEW GĦAŻ-ŻBIGĦ; TANNINI U DERIVATTIVI TAGĦHOM; ŻEBGĦA, PIGMENTI U MATERJAL IEĦOR TAŻ-ŻBIGĦ; ŻEBGĦA U VERNIĊI; STOKK U GOMOM OĦRAJN; LINEK

Noti

1. Dan il-kapitlu ma jkoprix:

   (a) elementi jew komposti definiti kimikament separati (ħlief dawk ta' titlu 3203 jew 3204, prodotti inorganiċi ta' tip użati bħala luminofori (titlu 3206), ħġieġ magħmul minn kwarz imdewweb jew silika oħra imdewbin fil-forom stipulati f'titlu 3207, u ukoll żebgħa u materjal ieħor taż-żbigħ ippreżentati f'forom jew f'pakki għal bejgħ fl-imnut ta' titlu 3212);

   (b) tannati jew derivattivi oħrajn tat-tannin ta' prodotti ta' titli 2936 sa 2939, 2941 jew 3501 sa 3504; jew

   (ċ) gomom ta' asfalt jew gomom oħrajn bituminużi (titlu 2715).

2. Titlu 3204 jinkludi taħlitiet ta' melħ dijażonju stabbilizzat u akkoppjamenti għall-produzzjoni ta' żebgħa ażo.

3. Titli 3203, 3204, 3205 u 3206 japplikaw ukoll għal preparazzjonijiet ibbażati fuq materjal taż-żbigħ (inklużi, fil-każ ta' titlu 3206, pigmenti taż-żbigħ ta' titlu 2530 jew Kapitlu 28, qxur tal-metall u trab tal-metall), ta' tip użati għaż-żbigħ ta' kull materjal jew użati bħala ingredjenti fil-manifattura ta' preparazzjonijiet għaż-żbigħ. It-titli ma japplikawx, iżda, għal pigmenti mferrxin f'mezzi, f'forma likwida jew ta' pasta, ta' tip użati fil-manifattura taż-żebgħa, inklużi enamel (titlu 3212), jew għal preparazzjonijiet oħrajn ta' titli 3207, 3208, 3209, 3210, 3212, 3213 jew 3215.

4. Titlu 3208 jinkludi soluzzjonijiet (ħlief kollodjoni) magħmulin minn kwalunkwe prodott minn dawk speċifikati f'titli 3901 sa 3913 f'solventi organiċi li jtiru meta l-piż tas-solvent jaqbeż 50 % tal-piż tas-soluzzjoni.

5. L-espressjoni "materjal taż-żbigħ" f'dan il-kapitlu ma tinkludix prodotti ta' tip użati ta' estensuri f'żebgħa taż-żejt, tajbin ukoll jew le bħala distemper għaż-żbigħ.

6. L-espressjoni "fojls għall-istampar" f'titlu 3212 tapplika biss għal folji rqaq ta' tip użati għall-istampar, per eżempju, qxur tal-kotba jew żigarelli tal-kpiepel, u jikkonsistu fi:

   (a) trab metalliku (inkluż trab ta' metall prezzjuż) jew pigment, magħqud bil-kolla, ġelatina jew materjal ieħor li jgħaqqad; jew

   (b) metall (inkluż metall prezzjuż) jew pigment, poġġut fuq folja ta' rinforz ta' kwalunkwe materjal.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3201	**Estratti ta' oriġni veġetali għall-ikkunzar; tannini u l-melħ tagħhom, eteri, esteri u derivattivi oħrajn:**		
3201 10 00	– **Estratt tal-*quebracho***	B'xejn	—
3201 20 00	– **Estratt ta' akaċja Awstraljana (*wattle*)**	6,5 (1)	—
3201 90	– **Oħrajn:**		
3201 90 20	– – Estratt tax-xumakk, estratt tal-ġandar (*vallonia*), estratt tal-ballut jew estratt tal-qastan	5,8	—
3201 90 90	– – Oħrajn	5,3 (2)	—
3202	**Sustanzi organiċi sintetiċi għall-ikkunzar; sustanzi inorganiċi għall-ikkunzar; preparazzjonijiet għall-ikkunzar, fihom jew le sustanzi naturali għall-ikkunzar; preparazzjonijiet enżimatiċi għal qabel l-ikkunzar:**		
3202 10 00	– **Sustanzi organiċi għall-ikkunzar**	5,3	—
3202 90 00	– **Oħrajn**	5,3	—

(1) Rata ta' dazju *ad valorem* imnaqqsa għal 3 % (sospensjoni) għal perijodu indefinit, fuq bażi awtonoma.
(2) Kwota tat-tariffa WTO (*Għaqda Dinjija għall-Kummerċ*): ara Anness 7.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3203 00	**Materjal taż-żbiġ ta' oriġni veġetali jew ta' annimali (inklużi estratti taż-żbiġ iżda eskluż iswed ta' annimali), definiti kimikament jew le; preparazzjonijiet kif speċifikat f'nota 3 għal dan il-kapitlu bbażati fuq materjal taż-żbiġ ta' oriġni veġetali jew ta' annimali:**		
3203 00 10	– Materjal taż-żbiġ ta' oriġni veġetali u preparazzjonijiet ibbażati fuqu	B'xejn	—
3203 00 90	– Materjal taż-żbiġ ta' oriġni ta' annimali u preparazzjonijiet ibbażati fuqu	2,5	—
3204	**Materjal taż-żbiġ organiku sintetiku, definit kimikament jew le; preparazzjonijiet kif speċifikati f'nota 3 għal dan il-kapitlu bbażati fuq materjal taż-żbiġ organiku sintetiku; prodotti organiċi sintetiċi ta' tip użati bħala aġenti li jdawwlu fluworexxenti jew bħala luminofori, definiti kimikament jew le:**		
	– Materjal taż-żbiġ organiku sintetiku u preparazzjonijiet ibbażati fuqu kif speċifikati f'nota 3 għal dan il-kapitlu:		
3204 11 00	**– – Żebgħat li jinxterdu u preparazzjonijiet ibbażati fuqhom**	6,5	—
3204 12 00	**– – Żebgħat aċiduży, premetallizzati jew le, u preparazzjonijiet ibbażati fuqhom; żebgħat korruživi (*mordant*) u preparazzjonijiet ibbażati fuqhom**	6,5	—
3204 13 00	**– – Żebgħat bażiċi u preparazzjonijiet ibbażati fuqhom**	6,5	—
3204 14 00	**– – Żebgħat diretti u preparazzjonijiet ibbażati fuqhom**	6,5	—
3204 15 00	**– – Żebgħat tal-bittija (inklużi dawk li jintużaw f'dak l-istat bħala pigmenti) u preparazzjonijiet ibbażati fuqhom**	6,5	—
3204 16 00	**– – Żebgħat reattivi u preparazzjonijiet ibbażati fuqhom**	6,5	—
3204 17 00	**– – Pigmenti u preparazzjonijiet ibbażati fuqhom**	6,5	—
3204 19 00	**– – Oħrajn, inklużi taħlitiet ta' materjal taż-żbiġ minn tnejn jew aktar mis-subtitli 3204 11 sa 3204 19**	6,5	—
3204 20 00	**– Prodotti organiċi sintetiċi ta' tip użati bħala aġenti li jdawwlu fluworexxenti**	6	—
3204 90 00	**– Oħrajn**	6,5	—
3205 00 00	**Lagi tal-kulur; preparazzjonijiet kif speċifikati f'nota 3 għal dan il-kapitlu bbażati fuq lagi tal-kulur**	6,5	—
3206	**Materjal ieħor taż-żbiġ; preparazzjonijiet kif speċifikati f'nota 3 għal dan il-kapitlu, ħlief dawk ta' titlu 3203, 3204 jew 3205; prodotti inorganiċi ta' tip użati bħala luminofori, definiti kimikament jew le:**		
	– Pigmenti u preparazzjonijet ibbażati fuq dijossidu tat-titanju:		
3206 11 00	**– – Li fihom 80 % jew aktar tal-piż dijossidu tat-titanju meqjus fuq il-materjal xott**	6	—
3206 19 00	**– – Oħrajn**	6,5	—
3206 20 00	**– Pigmenti u preparazzjonijet ibbażati fuq komposti tal-kromju**	6,5	—
	– Materjal ieħor taż-żbiġ u preparazzjonijiet oħrajn:		
3206 41 00	**– – Ultramarin u preparazzjonijiet ibbażati fuqu**	6,5	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3206 42 00	– – **Litofonu u pigmenti oħrajn u preparazzjonijiet ibbażati fuq sulfur taż-żingu**	6,5	—
3206 49	– – **Oħrajn:**		
3206 49 10	– – – Manjetit	4,9 (1)	—
★ **3206 49 70**	– – – Oħrajn	6,5	—
3206 50 00	– **Prodotti inorganiċi ta' tip użati bħala *luminofores***	5,3	—
3207	**Pigmenti ppreparati, materjali li jtappnu ppreparati u kuluri ppreparati, enamel u glejż li jsiru ħġieġ, *engobes* (*slips*), lostri likwidi u preparazzjonijiet simili, ta' tip użati fl-industrija taċ-ċeramika, ta' l-enamel jew tal-ħġieġ; fritt tal-ħġieġ u ħġieġ ieħor, f'għamla ta' trab, qmuħ jew qxur:**		
3207 10 00	– **Pigmenti ppreparati, materjali li jtappnu ppreparati, kuluri ppreparati u preparazzjonijiet simili**	6,5	—
3207 20	– **Enamel u glejż li jsiru ħġieġ, *engobes* (*slips*) u preparazzjonijiet simili:**		
3207 20 10	– – *Engobes* (*slips*)	5,3	—
3207 20 90	– – Oħrajn	6,3	—
3207 30 00	– **Lostri likwidi u preparazzjonijiet simili**	5,3	—
3207 40	– **Fritt tal-ħġieġ u ħġieġ ieħor, f'għamla ta' trab, qmuħ jew qxur:**		
3207 40 40	– – Ħġieġ f'forma ta' qxur ta' tul 0,1 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 3,5 mm u ta' ħxuna ta' 2 mikrometri jew aktar iżda mhux aktar minn 5 mikrometri; ħġieġ f'forma ta' trab jew qmuħ, li fih bil-piż 99 % jew aktar ta' diossidu tas-silikon	B'xejn	—
3207 40 85	– – Oħrajn	3,7	—
3208	**Żebgħa u vernič (inklużi enamel u laker) ibbażati fuq polimeri sintetiċi jew polimeri naturali modifikati kimikament, imxerrdin jew imdewbin f'mezz mhux ta' ilma; soluzzjonijiet kif spjegati f'nota 4 għal dan il-kapitlu:**		
3208 10	– **Ibbażati fuq poliesteri:**		
3208 10 10	– – Soluzzjonijiet kif spjegati f'nota 4 għal dan il-kapitlu	6,5	—
3208 10 90	– – Oħrajn	6,5	—
3208 20	– **Ibbażati fuq polimeri ta' akriliku jew vinil:**		
3208 20 10	– – Soluzzjonijiet kif spjegati f'nota 4 għal dan il-kapitlu	6,5	—
3208 20 90	– – Oħrajn	6,5	—
3208 90	– **Oħrajn:**		
	– – Soluzzjonijiet kif spjegati f'nota 4 għal dan il-kapitlu:		
3208 90 11	– – – Poliuretejn ta' 2,2′-(tert-butilimino)dietanol u 4,4′-metilinedikloeksil diisoċjanat, fil-forma ta' soluzzjoni f'N,N-dimetilaċetamid, li jkun fihom bil-piż 48 % jew aktar ta' polimeru	B'xejn	—
3208 90 13	– – – Kopolimeru ta' p-kresol u divinilbenżina, f'forma ta' soluzzjoni f'N,Ndimetilaċetamid, li jkun fihom bil-piż 48 % jew aktar ta' polimeru	B'xejn	—
3208 90 19	– – – Oħrajn	6,5	—
	– – Oħrajn:		
3208 90 91	– – – Ibbażati fuq polimeri sintetiċi	6,5	—
3208 90 99	– – – Ibbażati fuq polimeri naturali modifikati kimikament	6,5	—

(1) Rata awtonoma ta' dazju: B'xejn.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3209	**Żebgħa u verniċ (inklużi enamel u laker) ibbażati fuq polimeri sintetiċi jew polimeri naturali modifikati kimikament, imxerrdin jew imdewbin f'mezz ta' ilma:**		
3209 10 00	**– Ibbażati fuq polimeri ta' akriliku jew vinil**	6,5	—
3209 90 00	**– Oħrajn**	6,5	—
3210 00	**Żebgħa u verniċ oħrajn (inklużi enamel, laker u distemper); pigmenti ta' ilma ppreparati ta' tip użati biex tkun irfinata l-ġilda:**		
3210 00 10	– Żebgħa taż-żejt u verniċ (inklużi enamel u laker)	6,5	—
3210 00 90	– Oħrajn	6,5	—
3211 00 00	**Nixxiefa ppreparati**	6,5	—
3212	**Pigmenti (inkluzi trab u qxur metalliku) mxerrdin f'mezz mhuwiex ta' ilma, f'forma likwida jew ta' pasta, ta' tip użati fil-manifattura ta' żebgħa (inklużi enamel); fojls ta' l-istampar; żebgħa u materjal ieħor taż-żbigħ ippreżentat f'forom jew f'pakki għal bejgħ bl-imnut:**		
3212 10 00	**– Fojls ta' l-istampar**	6,5	—
3212 90 00	**– Oħrajn**	6,5	—
3213	**Kuluri tal-pitturi, ta' l-istudenti jew taż-żebbiegħa tat-tabelli, żebgħa ħafifa (*tints*) għal modifikar, ilwien tad-diveriment u bħalhom, f'biċċiet, stoċċijiet, ważetti, fliexken, laned jew f'forom jew f'pakki simili:**		
3213 10 00	**– Settijiet ta' kuluri**	6,5	—
3213 90 00	**– Oħrajn**	6,5	—
3214	**Stokk tal-ħġieġ, stokk tat-tilqim, simenti tar-reżina, komposti u gomom oħrajn għat-tqalfit; mili taż-żebbiegħa; preparazzjonijiet ta' kisi mhux rifrattivi għal faċċati, ħitan interni, artijiet, soqfa u bħalhom:**		
3214 10	**– Stokk tal-ħġieġ, stokk tat-tilqim, simenti tar-reżina, komposti u gomom oħrajn għat-tqalfit; mili taż-żebbiegħa:**		
3214 10 10	– – Stokk tal-ħġieġ, stokk tat-tilqim, simenti tar-reżina, komposti u gomom oħrajn għat-tqalfit	5	—
3214 10 90	– – Mili taż-żebbiegħa	5	—
3214 90 00	**– Oħrajn**	5	—
3215	**Linka ta' l-istampar, linka għall-kitba jew għat-tpinġija u linek oħrajn, kemm jekk konċentrati jew solidi jew le:**		
	– Linka ta' l-istampar:		
3215 11 00	**– – Iswed**	6,5	—
3215 19 00	**– – Oħrajn**	6,5	—
3215 90 00	**– Oħrajn**	6,5	—

KAPITLU 33

ŻJUT ESSENZJALI U REŻINOJDI; PREPARAZZJONIJIET TA' FWEJJAĦ, KOSMETIĊI JEW TAT-TWALETTA

Noti

1. Dan il-kapitlu ma jkoprix:

   (a) oleorażi naturali jew estratti veġetali ta' titlu 1301 jew 1302;

   (b) sapun jew prodotti oħrajn ta' titlu 3401; jew

   (ċ) gomma, għuda jew terpentina tas-sulfat jew prodotti oħrajn ta' titlu 3805.

2. L-espressjoni "sustanzi li jfuħu" f'titlu 3302 tirreferi biss għas-sustanzi ta' titlu 3301, għal kostitwenti li jfuħu iżolati minn dawk is-sustanzi jew għal aromatiċi sintetiċi.

3. Titli 3303 sa 3307 japplikaw, fost l-oħrajn, għal prodotti, imħalltin jew le (ħlief distillati ta' ilma u soluzzjonijiet ta' ilma ta' żjut essenzjali), tajbin biex jintużaw bħala oġġetti ta' dawn it-titli u ppreżentati f'pakki ta' tip li jinbiegħu bl-imnut għal dan l-użu.

4. L-espressjoni "preparazzjonijiet ta' fwejjaħ, kosmetiċi jew tat-twaletta" f'titlu 3307 tapplika, fost l-oħrajn, għal dawn il-prodotti: borżetti mfewħa; preparazzjonijiet li jfuħu li jaħdmu billi jinħarqu; karti mfewħa u karti mimlijin jew miksijin b'kosmetiċi; soluzzjonijiet tal-lenti tal-kuntatt jew għajn artifiċjali; tajjar, felt u materjal mhux minsuġ, mimli, miksi jew mgħotti bi fwieħa jew kosmetiċi; preparazzjonijiet tat-twaletta għal annimali.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unita' Supplimentari
1	2	3	4
3301	**Żjut essenzjali (bla terpeni jew le), inklużi konkreti u assoluti; reżinojdi; oleorażi estratti; konċentrati ta' żjut essenzjali fix-xaħam, fi żjut fissi, fix-xemgħa jew hekk, magħmulin permezz ta' *enfleurage* jew maċerazzjoni; prodotti sekondarji terpeniċi tad-deterpenazzjoni ta' żjut essenzjali; distillati ta' ilma u soluzzjonijiet ta' ilma ta' żjut essenzjali:**		
	– Żjut essenzjali ta' frott taċ-ċitru:		
3301 12	**– – Ta' laring:**		
3301 12 10	– – – Mhux deterpenati	7	—
3301 12 90	– – – Deterpenati	4,4	—
3301 13	**– – Ta' lumi:**		
3301 13 10	– – – Mhux deterpenati	7	—
3301 13 90	– – – Deterpenati	4,4	—
3301 19	**– – Oħrajn:**		
3301 19 20	– – – Mhux deterpenati	7	—
3301 19 80	– – – Deterpenati	4,4	—
	– Żjut essenzjali ħlief dawk ta' frott taċ-ċitru:		
3301 24	**– – Ta' pepermint jew nagħniegħ (*Mentha piperita*):**		
3301 24 10	– – – Mhux deterpenati	B'xejn	—
3301 24 90	– – – Deterpenati	2,9	—
3301 25	**– – Ta' nagħniegħ iehor:**		
3301 25 10	– – – Mhux deterpenati	B'xejn	—
3301 25 90	– – – Deterpenati	2,9	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unita' Supplimentari
1	2	3	4
3301 29	– – **Oħrajn:**		
	– – – Ta' msiemer tal-qronfol, *niaouli* u ilang-ilang:		
3301 29 11	– – – – Mhux deterpenati	B'xejn	—
3301 29 31	– – – – Deterpenati	2,9 (1)	—
	– – – Oħrajn:		
3301 29 41	– – – – Mhux deterpenati	B'xejn	—
	– – – – Deterpenati:		
3301 29 71	– – – – – Ta' ġeranju; ta' ġiżimin; ta' vetiver	2,3	—
3301 29 79	– – – – – Ta' lavanda jew ta' lavandin	2,9	—
3301 29 91	– – – – – Oħrajn	2,9 (1)	—
3301 30 00	– **Reżinojdi**	2	—
3301 90	– **Oħrajn:**		
3301 90 10	– – Prodotti sekondarji terpeniċi tad-deterpenazzjoni ta' żjut essenzjali	2,3	—
	– – Oleo raži estratti:		
3301 90 21	– – – Ta' għud is-sus u ta' ħops	3,2	—
3301 90 30	– – – Oħrajn	B'xejn	—
3301 90 90	– – Oħrajn	3	—
3302	**Taħlit ta' sustanzi li jfuħu u taħlit (inklużi soluzzjonijiet alkoħoliċi) b'bażi ta' waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, ta' tip użati bħala materja prima fl-industrija; preparazzjonijiet oħrajn ibbażati fuq sustanzi li jfuħu, ta' tip użati għall-manifattura tax-xorb:**		
3302 10	– **Ta' tip użati fl-industriji ta' l-ikel u x-xorb:**		
	– – Ta' tip użati fl-industriji tax-xorb:		
	– – – Preparazzjonijiet li fihom l-aġenti kollha ta' taħwir li jikkaratterizzaw xarba:		
3302 10 10	– – – – B'saħħa alkoħolika attwali bil-volum aktar minn 0,5 %	17,3 MIN 1 €/% vol/hl	—
	– – – – Oħrajn:		
3302 10 21	– – – – – Ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib, sukrows, isoglukows, glukows jew lamtu jew fihom, bil-piż, inqas minn 1,5 % xaħam tal-ħalib, 5 % sukrows jew isoglukows, 5 % glukows jew lamtu	12,8	—
3302 10 29	– – – – – Oħrajn	9 + EA (2)	—
3302 10 40	– – – Oħrajn	B'xejn	—
3302 10 90	– – Ta' tip użati fl-industriji ta' l-ikel	B'xejn	—
3302 90	– **Oħrajn:**		
3302 90 10	– – Soluzzjonijiet alkoħoliċi	B'xejn	—
3302 90 90	– – Oħrajn	B'xejn	—
3303 00	**Fwejjaħ jew ilmijiet tat-twaletta:**		
3303 00 10	– Fwejjaħ	B'xejn	—
3303 00 90	– Ilmijiet tat-twaletta	B'xejn	—

(1) Rata awtonoma ta' dazju: 2,3.
(2) Ara Anness 1.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unita' Supplimentari
1	2	3	4
3304	**Preparazzjonijiet tas-sbuħija jew tal-mejkapp u preparazzjonijiet għall-kura tal-ġilda (ħlief medikamenti), inklużi preparazzjonijiet għall-ilqugħ jew għas-smurija tal-ġilda mix-xemx; preparazzjonijiet għat-trattament ta' l-idejn u għat-trattament tas-saqajn:**		
3304 10 00	**– Preparazzjonijiet ta' mejkapp għax-xufftejn**	B'xejn	—
3304 20 00	**– Preparazzjonijiet ta' mejkapp għall-għajnejn**	B'xejn	—
3304 30 00	**– Preparazzjonijiet għat-trattament ta' l-idejn u għat-trattament tas-saqajn**	B'xejn	—
	– Oħrajn:		
3304 91 00	**– – Trabijiet (terer), ikkompressati jew le**	B'xejn	—
3304 99 00	**– – Oħrajn**	B'xejn	—
3305	**Preparazzjonijiet għal użu fuq ix-xagħar:**		
3305 10 00	**– Xampujiet**	B'xejn	—
3305 20 00	**– Preparazzjonijiet għal innukklar jew illixxar permanenti**	B'xejn	—
3305 30 00	**– Lakerijiet tax-xagħar**	B'xejn	—
3305 90 00	**– Oħrajn**	B'xejn	—
3306	**Preparazzjonijiet għal iġjene tal-ħalq u tas-snien, inklużi pasta u trabijiet għat-twaħħil tad-dentatura; ħjut użati għat-tindif bejn is-snien (ħjut dentali), f'pakki individwali għal bejgħ bl-imnut:**		
3306 10 00	**– Dentifriċji**	B'xejn	—
3306 20 00	**– Ħjut użati għat-tindif bejn is-snien (ħjut dentali)**	4	—
3306 90 00	**– Oħrajn**	B'xejn	—
3307	**Preparazzjonijiet għal qabel, waqt jew wara t-tqaxxir tal-leħja, deodoranti personali, preparazzjonijiet għall-banju, preparazzjonijiet għat-tneħħija tax-xagħar u fwejjaħ oħrajn, preparazzjonijiet kosmetiċi jew tat-twaletta, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; deodorizzanti ppreparati għal kmamar, imfewħin jew bi proprjetajiet disinfettanti jew le:**		
3307 10 00	**– Preparazzjonijiet għal qabel, waqt jew wara t-tqaxxir tal-leħja**	6,5	—
3307 20 00	**– Deodoranti u preparazzjonijiet personali kontra l-għaraq**	6,5	—
3307 30 00	**– Melħ imfewwaħ tal-banju u preparazzjonijiet oħrajn tal-banju**	6,5	—
	– Preparazzjonijiet għat-tifwiħ jew deodorizzar ta' kmamar, inklużi preparazzjonijiet li jfuħu użati waqt riti reliġjuži:		
3307 41 00	**– – "Agarbatti" u preparazzjonijiet oħrajn li jfuħu u li jaħdmu billi jinħarqu**	6,5	—
3307 49 00	**– – Oħrajn**	6,5	—
3307 90 00	**– Oħrajn**	6,5	—

KAPITLU 34

SAPUN, AĠENTI ORGANIĊI LI JAĠIXXU FUQ IL-PROPRJETAJIET LI JXARRBU (*SURFACE-ACTIVE*), PREPARAZZJONIJIET GĦAL ĦASIL, PREPARAZZJONIJIET GĦAL LUBRIKAR, XEMGĦAT ARTIFIĊJALI, XEMGĦAT IPPREPARATI, PREPARAZZJONIJIET GĦAL LOSTRAR JEW GĦAL GĦORIK, XEMGĦAT U OĠĠETTI SIMILI, PASTA GĦAL MUDELLAR, XEMGĦAT DENTALI (*DENTAL WAXES*) U PREPARAZZJONIJIET DENTALI B'BAŻI TA' ĠIBS

Noti

1. Dan il-kapitlu ma jkoprix:

   (a) taħlitiet jew preparazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut ta' annimali jew veġetali tajbin għall-ikel ta' tip użati bħala preparazzjonijiet li jerħu l-moffa (titlu 1517);

   (b) komposti separati definiti kimikament; jew

   (ċ) xampujiet , dentifriċji, kremi u ragħwa għat-tqaxxir tal-leħja, jew preparazzjonijiet għal banju, li fihom sapun jew aġenti organiċi li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu (*surface-active*) (titlu 3305, 3306 jew 3307).

2. Għall-għanijiet ta' titlu 3401, l-espressjoni "sapun" tapplika biss għal sapun li jdub fl-ilma. Sapun u l-prodotti l-oħrajn ta' titlu 3401 jista' jkun fihom sustanzi miżjudin (per eżempju, disinfettanti, trab ta' l-għorik, mili jew medikamenti). Prodotti li fihom trab ta' l-għorik jibqgħu kklassifikati f'titlu 3401 biss jekk ikunu f'forma ta' biċċiet sħaħ, f'forma ta' sapuna jew biċċiet jew għamliet iffurmati. F'forom oħrajn, huma għandhom ikunu kklassifikati f'titlu 3405 bħala "trabijiet ta' l-għorik u preparazzjonijiet simili".

3. Għall-għanijiet ta' titlu 3402, "aġenti organiċi li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu (*surface-active*)" huma prodotti li, meta jitħalltu ma' l-ilma f'konċentrazzjoni ta' 0,5, % f'20 °C u mħollijin joqogħdu għal siegħa fl-istess temperatura:

   (a) iħallu likwidu trasparenti jew traslużenti jew emulsjoni stabbli mingħajr separazzjoni ta' materjal insolubbli; u

   (b) inaqqsu it-tensjoni ta' wiċċ l-ilma għal 4,5 × 10^{-2} N/m (45 dyn/ċm) jew inqas.

4. F'titlu 3403 l-espressjoni "żjut minerali (*petroleum oils*) u żjut miksubin minn minerali bituminużi" tapplika għall-prodotti definiti f'nota 2 għal Kapitlu 27.

5. F'titlu 3404, suġġett għall-esklużjonijiet stipulati hawn taħt, l-espressjoni "xemgħat artifiċjali u xemgħat ippreparati" tapplika biss għal:

   (a) prodotti organiċi magħmulin kimikament b'karatteristika bħax-xema', idubu fl-ilma jew le;

   (b) prodotti magħmulin bit-taħlit ta' xemgħat differenti;

   (ċ) prodotti b'karatteristika bħax-xema' b'bażi ta' xema' waħda jew aktar u li fihom xaħmijiet, raži, sustanzi minerali jew materjali oħrajn.

   It-titlu ma japplikax għal:

   (a) prodotti ta' titlu 1516, 3402 jew 3823, anke jekk b'karatteristika bħax-xema';

   (b) xemgħat ta' annimali mhux imħalltin jew xemgħat veġetali mhux imħalltin, kemm jekk irfinati jew imlewna inkella le, ta' titlu 1521;

   (ċ) xemgħat minerali jew prodotti simili ta' titlu 2712, kemm jekk imħalltin flimkien jew imlewnin biss inkella le; jew

   (d) xemgħat imħalltin ma', imferrxin ma' jew imdewbin f'mezz likwidu (titli 3405, 3809, eċċ).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3401	**Sapun; prodotti organiċi li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu (*surface-active*) u preparazzjonijiet għal użu bħal sapun, f'forma ta' biċċiet, f'forma ta' sapuna, biċċiet jew għamliet iffurmati, li jkun fihom is-sapun jew le; prodotti organiċi li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu (*surface-active*) u preparazzjonijiet għal ħasil tal-ġilda, f'forma ta' likwidu jew krema u ppreżentati għal bejgħ bl-imnut, li jkun fihom is-sapun jew le; karti, tajjar, felt u ħjut mhux minsuġin, mimlijin, miksijin jew mgħottijin b'sapun jew deterġent:**		
	– Sapun u prodotti organiċi li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu (*surface-active*) u preparazzjonijiet, f'forma ta' biċċiet, f'forma ta' sapuna, biċċiet jew għamliet iffurmati, u karti, tajjar, felt u ħjut mhux minsuġin, mimlijin, miksijin jew mgħottijin b'sapun jew deterġent:		
3401 11 00	**– – Għal użu tat-twaletta (inklużi prodotti medikati)**	B'xejn	—
3401 19 00	**– – Oħrajn**	B'xejn	—
3401 20	**– Sapun f'forom oħrajn:**		
3401 20 10	– – Qxur, wejfers, qmuħ jew trabijiet	B'xejn	—
3401 20 90	– – Oħrajn	B'xejn	—
3401 30 00	**– Prodotti organiċi li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu (*surface-active*) u preparazzjonijiet għal ħasil tal-ġilda, f'forma ta' likwidu jew krema u ppreżentati għal bejgħ bl-imnut, li jkun fihom is-sapun jew le**	4	—
3402	**Aġenti organiċi li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu (*surface-active*) (ħlief sapun); preparazzjonijiet minn dawn l-aġenti organiċi li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu, preparazzjonijiet għal ħasil (inklużi preparazzjonijiet awżiljarji għal ħasil) u preparazzjonijiet għal tindif, li fihom is-sapun jew le, ħlief dawk ta' titlu 3401:**		
	– Prodotti organiċi li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu (*surface-active*), ippreżentati għal bejgħ bl-imnut jew le:		
3402 11	**– – Anjoniċi:**		
3402 11 10	– – – Soluzzjoni ta' ilma li fiha bil-piż 30 % jew aktar iżda mhux aktar minn 50 % ta' alkil [oksidi(benżinasulfonat)] tad-dissodju	B'xejn	—
3402 11 90	– – – Oħrajn	4	—
3402 12 00	**– – Katjoniċi**	4	—
3402 13 00	**– – Mhux-joniċi**	4	—
3402 19 00	**– – Oħrajn**	4	—
3402 20	**– Preparazzjonijiet għal bejgħ bl-imnut:**		
3402 20 20	– – Preparazzjonijiet li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu (*surface-active*)	4	—
3402 20 90	– – Preparazzjonijiet għal ħasil u preparazzjonijiet għal tindif	4	—
3402 90	**– Oħrajn:**		
3402 90 10	– – Preparazzjonijiet li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu (*surface-active*)	4	—
3402 90 90	– – Preparazzjonijiet għal ħasil u preparazzjonijiet għal tindif	4	—
3403	**Preparazzjonijiet għal lubrikar (inklużi preparazzjonijiet ta' żejt għal qtugħ, preparazzjonijiet biex jerħu boltijiet u skorfini, preparazzjonijiet kontra s-sadid jew kontra l-korrużjoni u preparazzjonijiet li jerħu l-moffa, ibbażati fuq lubrikanti) u preparazzjonijiet ta' tip użati għat-trattament biż-żejt jew bil-grass ta' materjali tessili, ġlud, ferijiet jew materjali oħrajn, iżda eskludi preparazzjonijiet li fihom, bħala kostitwenti bażiċi, 70 % jew aktar bil-piż ta' żjut minerali (*petroleum*) jew ta' żjut miksubin minn minerali bituminużi:**		
	– Li fihom żjut minerali (*petroleum*) jew żjut miksubin minn minerali bituminużi:		
3403 11 00	**– – Preparazzjonijiet għat-trattament ta' materjali tessili, ġlud, ferijiet u materjali oħrajn**	4,6	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3403 19	– – **Oħrajn:**		
3403 19 10	– – – Li fihom 70 % jew aktar bil-piż ta' żjut minerali (*petroleum*) jew ta' żjut miksubin minn minerali bituminużi iżda mhux bħala l-kostitwent bażiku	6,5	—
3403 19 90	– – – Oħrajn	4,6	—
	– **Oħrajn:**		
3403 91 00	– – **Preparazzjonijiet għat-trattament ta' materjali tessili, ġlud, ferijiet u materjali oħrajn**	4,6	—
3403 99 00	– – **Oħrajn**	4,6	—
3404	**Xemgħat artifiċjali u xemgħat ippreparati:**		
3404 20 00	– **Ta' poli(oksietilene) (glikol ta' polietilene)**	B'xejn	—
3404 90 00	– **Oħrajn**	B'xejn	—
3405	**Lostri u kremi, għaż-żraben, għamara, art, qafas ta' vetturi, ħġieġ jew metall, pasti u trabijiet għal għorik u preparazzjonijiet simili (kemm jekk f'forma ta' karti, tajjar, felt, ħjut mhux minsuġin, plastik ċellulari jew gomom ċellulari, mimlijin, miksijin jew mgħottijin b'dawn il-preparazzjonijiet), ħlief xemgħat ta' titlu 3404:**		
3405 10 00	– **Lostri, kremi u preparazzjonijiet simili, għaż-żraben jew ġilda**	B'xejn	—
3405 20 00	– **Lostri, kremi u preparazzjonijiet simili, għal manutenzjoni ta' għamara u artijiet ta' l-għuda, jew xogħol ta' l-għuda ieħor**	B'xejn	—
3405 30 00	– **Lostri u preparazzjonijiet simili għal qofsa ta' vetturi, ħlief lostri għal metall**	B'xejn	—
3405 40 00	– **Pasta u trabijiet għal għorik u preparazzjonijiet oħrajn għal għorik**	B'xejn	—
3405 90	– **Oħrajn:**		
3405 90 10	– – Lostri għal metall	B'xejn	—
3405 90 90	– – Oħrajn	B'xejn	—
3406 00 00	**Xemgħat, kandiletti u bħalhom**	B'xejn	—
3407 00 00	**Pasti għal mudellar, inklużi dawk ippreżentati għad-divertiment tat-tfal; preparazzjonijiet magħrufin bħala "xemgħat dentali" (*dental waxes*) jew bħala "komposti għal forom dentali", ippreżentati f'settijiet, f'pakki għal bejgħ bl-imnut jew f'dentaturi (*plates*), forma ta' nagħal, bsaten jew forom simili; preparazzjonijiet oħrajn għal użu fid-dentistrija, b'bażi ta' ġibs (ta' ġibs kalċinat jew sulfat tal-kalċju)**	B'xejn	—

KAPITLU 35

SUSTANZI ALBUMINOJDALI; LAMTI MODIFIKATI; KOLOL; ENŻIMI

Noti

1. Dan il-kapitlu ma jkoprix:
   (a) ħmiri (titlu 2102);
   (b) frazzjonijiet ta' demm (ħlief albumina ta' demm mhux ippreparata għal użi terapewtiċi jew profilattiċi), medikamenti jew prodotti oħrajn ta' Kapitlu 30;
   (ċ) preparazzjonijiet enżimatiċi għal qabel l-ikkunzar (titlu 3202);
   (d) preparazzjonijiet enżimatiċi għat-tixrib jew għall-ħasil u prodotti oħrajn ta' Kapitlu 34;
   (e) proteini imwebbsin (titlu 3913); jew
   (f) prodotti ta' ġelatina għall-industrija ta' l-istampar (Kapitlu 49).
2. Għall-għanijiet ta' titlu 3505, it-terminu "destrini" ifisser prodotti mid-degradazzjoni tal-lamtu b'kontenut ta' tnaqqis ta' zokkor, imfisser bħala destrosju fuq is-sustanza xotta, mhux aktar minn 10 %.

   Dawk il-prodotti b'kontenut ta' tnaqqis ta' zokkor akbar minn 10 % jaqgħu f'titlu 1702.

Nota addizzjonali

1. Subtitlu 3504 00 10 ikopri proteini ta' ħalib konċentrat b'kontenut ta' proteina ta' aktar minn 85 % bil-piż, meqjus fuq il-materjal xott.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3501	**Kaseina, kaseinati u derivattivi oħrajn ta' kaseina; kolol ta' kaseina:**		
3501 10	– **Kaseina:**		
3501 10 10	– – Għall-manifattura ta' fibri tessili riġenerati ([1])	B'xejn	—
3501 10 50	– – Għal użi industrijali ħlief għall-manifattura ta' ikel jew għalf ([1])	3,2	—
3501 10 90	– – Oħrajn	9	—
3501 90	– **Oħrajn:**		
3501 90 10	– – Kolol ta' kaseina	8,3	—
3501 90 90	– – Oħrajn	6,4	—
3502	**Albumini (inklużi konċentrati ta' żewġ proteini jew aktar tax-xorrox, li fihom bil-piż iktar minn 80 % ta' proteini tax-xorrox, meqjusin fuq il-materjal xott), albuminati u derivattivi oħrajn ta' albumina:**		
	– **Albumina tal-bajd:**		
3502 11	– – **Imnixxfin:**		
3502 11 10	– – – Mhux tajbin, jew biex jingħamlu mhux tajbin, għal konsum uman ([2])	B'xejn	—
3502 11 90	– – – Oħrajn	123,5 €/100 kg/ net ([3])	—

([1]) Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti rilevanti tal-Komunità (ara Artikli 291 sa 300 ta' Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1)).
([2]) Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għal kundizzjonijiet stipulati f'Taqsima II, paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari.
([3]) Kwota tat-tariffa WTO (*Għaqda Dinjija għall-Kummerċ*): ara Anness 7.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3502 19	– – **Oħrajn:**		
3502 19 10	– – – Mhux tajbin, jew biex jingħamlu mhux tajbin, għal konsum uman (1)	B'xejn	—
3502 19 90	– – – Oħrajn	16,7 €/100 kg/net (2)	—
3502 20	– **Albumina tal-ħalib, inklużi konċentrati ta' żewġ proteini jew aktar tax-xorrox:**		
3502 20 10	– – Mhux tajbin, jew biex jingħamlu mhux tajbin, għal konsum uman (1)	B'xejn	—
	– – Oħrajn:		
3502 20 91	– – – Imnixxfin (per eżempju, f'folji, qxur, trofof, trab)	123,5 €/100 kg/net	—
3502 20 99	– – – Oħrajn	16,7 €/100 kg/net	—
3502 90	– **Oħrajn:**		
	– – Albumini, ħlief albumina tal-bajd u albumina tal-ħalib (albumina lattali):		
3502 90 20	– – – Mhux tajbin, jew biex jingħamlu mhux tajbin, għal konsum uman (1)	B'xejn	—
3502 90 70	– – – Oħrajn	6,4	—
3502 90 90	– – Albuminati u derivattivi oħrajn ta' albumina	7,7	—
3503 00	**Ġelatina (inkluża ġelatina f'folji rettangulari (inklużi kwadri), kemm jekk bil-wiċċ maħdum jew ikkulurit jew le) u derivattivi tal-ġelatina; ġeli ċar (*isinglass*); kolol oħrajn ta' oriġni ta' annimali, ħlief kolol tal-kaseina ta' titlu 3501:**		
3503 00 10	– Ġelatina u derivattivi tagħha	7,7	—
3503 00 80	– Oħrajn	7,7	—
3504 00	**Peptuni u derivattivi tagħhom; sustanzi oħrajn ta' proteini u derivattivi tagħhom, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; trab għal ġilda (*hide powder*), kromat jew le:**		
3504 00 10	– Proteini ta' ħalib konċentrat speċifikati f'nota addizzjonali 1 għal dan il-kapitlu	3,4	—
3504 00 90	– Oħrajn	3,4	—
3505	**Destrini u lamti oħrajn modifikati (per eżempju lamti preġelatinizzati jew esterifikati); kolol ibbażati fuq lamti, jew fuq destrini jew lamti oħrajn modifikati:**		
3505 10	– **Destrini u lamti oħrajn modifikati:**		
3505 10 10	– – Destrini	9 + 17,7 €/100 kg/net	—
	– – Lamti oħrajn modifikati:		
3505 10 50	– – – Lamti, esterifikati jew eterifikati	7,7	—
3505 10 90	– – – Oħrajn	9 + 17,7 €/100 kg/net	—
3505 20	– **Kolol:**		
3505 20 10	– – Li fihom, bil-piż, inqas minn 25 % ta' lamti jew destrini jew lamti oħrajn modifikati	8,3 + 4,5 €/100 kg/net MAX 11,5	—
3505 20 30	– – Li fihom, bil-piż, 25 % jew iktar iżda inqas minn 55 % ta' lamti jew destrini jew lamti oħrajn modifikati	8,3 + 8,9 €/100 kg/net MAX 11,5	—
3505 20 50	– – Li fihom, bil-piż, 55 % jew iktar iżda inqas minn 80 % ta' lamti jew destrini jew lamti oħrajn modifikati	8,3 + 14,2 €/100 kg/net MAX 11,5	—

(1) Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għal kundizzjonijiet stipulati f'Taqsima II, paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari.
(2) Kwota tat-tariffa WTO (*Għaqda Dinjija għall-Kummerċ*): ara Anness 7.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3505 20 90	– – Li fihom, bil-piż, 80 % jew iktar lamti jew destrini jew lamti oħrajn modifikati	8,3 + 17,7 €/ 100 kg/net MAX 11,5	—
3506	**Kolol ippreparati u sustanzi ppreparati oħrajn li jwaħħlu, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; prodotti tajbin għal użu bħala kolol jew sustanzi li jwaħħlu, ippreżentati għal bejgħ bl-imnut bħala kolol jew sustanzi li jwaħħlu, mhux itqal minn piż nett ta' 1 kg:**		
3506 10 00	– **Prodotti tajbin għal użu bħala kolol jew sustanzi li jwaħħlu, ippreżentati għal bejgħ bl-imnut bħala kolol jew sustanzi li jwaħħlu, li ma jaqbżux il-piż nett ta' 1 kg**	6,5	—
	– **Oħrajn:**		
3506 91 00	– – **Sustanzi li jwaħħlu bbażati fuq polimeri ta' titli 3901 sa 3913 jew fuq gomma** . . .	6,5	—
3506 99 00	– – **Oħrajn**	6,5	—
3507	**Enżimi; enżimi preparati li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:**		
3507 10 00	– **Tames u konċentrati tiegħu**	6,3	—
3507 90	– **Oħrajn:**		
3507 90 30	– – Lipaż ta' lipoproteina; proteiż alkalin *aspergillus*	B'xejn	—
3507 90 90	– – Oħrajn	6,3	—

KAPITLU 36

SPLUSSIVI; PRODOTTI PIROTEKNIĊI; SULFARINI; LIGI PIROFORIĊI; ĊERTI PREPARAZZJONIJIET KOMBUSTIBBLI

Noti

1. Dan il-kapitlu ma jkoprix komposti definiti kimikament separati ħlief dawk deskritti f'nota 2 (a) jew (b) hawn taħt.

2. L-espressjoni "oġġetti ta' materjali kombustibbli" f'titlu 3606 japplika biss għal:

   (a) metaldejde, eksametilenetetramina u sustanzi simili, ppreżentati f'forom (per eżempju, biċċiet, vireg jew forom simili) għal użu bħala karburanti, karburanti b'bażi ta' alkoħol, u karburanti ppreparati bħalhom, f'forma solida jew semi-solida;

   (b) karburanti likwidi jew ta' gass likwifikat f'kontenituri ta' tip użati għall-mili jew mili mill-ġdid ta' lajters tas-sigarretti jew oħrajn bħalhom u li ma jesgħux aktar minn 300 ċm^3; u

   (ċ) torċi ta' raża, qabbada tan-nar u bħalhom.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3601 00 00	**Porvli (*propellant powders*)**	5,7	—
